# Leħen il-Punent




Diċembru 2011 • Nru. 23


time for a larger home
Once upon a time you chose your dream home. Now you need a larger home and there has never been a better time to buy one. Speak to us today and discover the range of benefits that can make this step a simple and affordable one.
Your success is our goal.
BOV HOME LOANS
2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta
Loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply. The term of the loan must not go beyond retirement age.
BOV
Bank of Valletta


Our Products
Motor
Travel
Life
Home
Business
Marine
For all your Insurance Needs
Choose Compass
COMPASS
Group Limited
E | compass@barongroupmalta.com
T | + 356 2155 6600
St George's Building - Karlu Galea Street - Victoria - Vct 2601- Gozo

# Leħen il-Punent

Ħarġa Speċjali ta' Kull Sena

Diċembru 2011 • Nru. 23



Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, l-Għarb GRB1044
Tel: 21 560556 • Fax: 21 562727
E-mail: gharb.lc@gov.mt



**~ KUNSILL LOKALI L-GĦARB ~**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **David Apap Agius** |
| **Viċi-Sindku:** | **Raymond Cassar** |
| **Kunsilliera:** | **Lisa Marie Brooke** |
| | **Emanuel Muscat** |
| | **Carmen Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Joanne Attard** |
| **Skrivana:** | **Emily Amatulli Depasquale** |
| **Librara:** | **Christina Camenzuli** |


Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-"Leħen il-Punent" Kunsill Lokali Għarb

**Ritratt tal-Qoxra:**
Premju EDEN (European Destination of Excellence) li ġie mirbuħ aktar kmieni din s-sena mill-Kunsill Lokali l-Għarb għax-xogħol li sar fuq il-Proġett ta' Wied il-Mielaħ.

***Cover Photo:***
*EDEN (European Destination of Excellence) Award awarded to the l-Għarb Local Council earlier this year for the works carried out at Wied il-Mielaħ.*





• Grazzi lil-isponsors tagħna ta' l-għajnuna tagħhom matul is-sena
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-Ħarġa

Issetjat u Stampat : A&M Printing Ltd. - Qala • Tel: 2155 32 17


# F'Din il-Ħarġa...


4
Messaġġ mis-Sindku

10
Mill-Pinna tal-Kunsilliera

13
Messaġġ mill-Arċipriet

14
Messaġġi mill-Għaqdiet

17
Proġetti

20
Doctor's Corner

22
Servizzi

24
Ġimgħa Missjunarja

25
Djarju 2011

32
Il-Kolera tal-1865 fl-Għarb

36
Children's Corner

38
L-Estimi Finanzjarji

# Messaġġ mis-Sindku

❑ david.apap@gov.mt
❑ 7949 2667



## L-Għażliet fil-missjoni tagħna... mira 2013
## *The choices in our mission …….direction 2013*

It-tielet sena ta' din il-leġislatura kienet sena ta' sfidi kbar. Iżda kienet ukoll sena li tat riżultati għaliex il-Kunsill ħadem bla heda anke jekk mhux tant magħruf sabiex jakkwista l-opportunitajiet u kundizzjonijiet mistħoqqa għal-lokalità. Dan għamilnieh f'sens ta' responsabilità anke jekk l-għażliet fil-missjoni tagħna mhux daqs tant faċli u kultant ħallew ukoll konsegwenzi ta' tbatija, inkonvenjent u diżordni infrastrutturali fit-toroq tagħna. Skużawna però t-tbatija li batejtu intom aħna konna hemm magħkom fil-ħsieb u b'impenn sabiex is-sitwazzjoni tirritorna għan-normal u tingħalaq kemm jista' jkun malajr. F'Lulju rajna l-esodu tax-xogħol fuq Triq Frenċ tal-Għarb jitwettaq u donnu li l-WSC waslu biex jikkonkludu Triq il-Ġidi u Triq Wied il-Mielaħ. Nawgura li dawn ix-xogħolijiet ikunu konklużi fl-iqsar żmien.

*The third year of this legislation presented big challenges, but it was also rewarding since the Council worked boundlessly to achieve the conditions that the locality deserves. This was done is a sense of responsibility even though the choices in our hard mission sometimes left inconvenience and disorder in the infrastructure of our roads. We were sharing your concerns all the time and committed that the situation is reinstated in the shortest time possible. In July we saw the works in Frenc ta' l-Għarb Street being concluded and now WSC are concluding Wied il-Mielah Street and Triq il-Gidi. I trust that the works are concluded in a short time.*

L-għażliet daqstant diffiċli issa issarfu f'kisbiet ta' fondi li permezz tagħhom ser naraw miljorament u qabża fil-kwalità, ser ikun possibbli nilħqu il-mira tagħna li sal-2013 il-lokalità tagħna tinbidel u tilħaq l-ogħla livelli infrastrutturali u ambjentali. Issa irridu b'koperazzjoni u b' impenn niżguraw l-assorbiment u l-immaniġġjar b'mod effiċjenti tal-fondi miksuba fid- diversi inizjattivi li ser inkunu qed inwettqu partikolarment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-infrastruttura u proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja.

*Our hard choices were exchanged in funds which will be used to achieve a better quality of life. It will be possible that till 2013 our locality reaches the highest infrastructural and environmental levels. Now we have to ensure the efficient management of the funds achieved in various initiatives that we will be executing particulary those related to infrastructure and EU funded projects.*

Fix-xhur li ġejjin ser nassistu għall-ftuħ u inawgurazzjoni ta' diversi inizjattivi_li konna qed nieħdu. Ma dawn ser nibdew ukoll naraw it-tlestija ta' proġetti oħra fosthom Pjazza żjara tal-Madonna u Triq il-Knisja, tlestija tar-restawr tal-Knisja taż-żejt u bidu tar-restawr tal-Kappella ta' San Dimitri u proġetti oħra. Ma dawn hemm ukoll unuri prestiġġjużi li poġġew il-lokalità tagħna fuq quddiem fix-xena lokali, nazzjonali u internazzjonali. L-Għarb illum igawdi stat fuq quddiem fost il-bqija tal-lokalitajiet l-oħra bħala Destinazzjoni distinta u ta' Eċċellenza, bil-firma aħħarija tal-Patt tas-Sindki li jaħseb sabiex jiġbor il-lokalitajiet Ewropej flimkien sabiex jimmiljoraw l-ambjent ta' madwarna fost l-oħrajn sabiex jinstab partiġjanat fis-sistemi ta' enerġija alternattiva nadifa. Dan jorbot tajjeb mal-mira tal-gvern fir-rigward ta' Għawdex bħala Gżira Ekoloġika.

*In the coming months we will be assisting to the inauguration of various initiatives, amongst which the finishing of Pjazza Żjara tal-Madonna and Church Street, the completion of restoration works at taz-Zejt Chapel and restoration at San Dimitri amongst other projects. There are also prestigious awards that have put our locality on the frontline both nationally and internationally. L-Għarb today boasts of the state of a European Destination of Excellence. We have also signed the Covenant of Mayors which gathers European localities to ameliorate the environment and to find*

*partnerships in green energy systems. This compliments the Government's Eco-Gozo policy.*

Ħarsa fuq fuq dwar il-kisbiet finanzjarji;
*A glance to our financial achievements:*

€70,000 mill-fondi tal-Eco Gozo
*€70,000 from the Eco Gozo fund*

Twaqqif ta' Child care centre ta' kwalità u mmexxi professjonalment. Servizz li aktar ma jmur qed jitfaċċa l-bżonn tiegħu. Inħeġġiġkom sabiex tagħmlu użu minn dan is-servizz.

Servizz ieħor huwa s-servizz ta' Eco Cab u Eco Truck. Ta' l-ewwel ser isservi ta' Taxi taħdem bid-dawl li ser tkun qed tagħti servizz lill-anzjani u persuni bi bżonnijiet partikulari fil-Lokalità. Servizz li ser ikun qed jgħinna nwettqu il-politika nazzjonali kif ukoll ir-rabta li aċċennajt għalija aktar il-fuq imfissra fil-patt tas-Sindki.

*For the setting up of a Child Care Centre to be professionally run and to cater for the needs of the working parents. The introduction of electric vehicles eco cab and eco truck. The first will be giving its services to the elderly and persons with special needs.*



€636,021 restawr u konservazzjoni
Miżura 323 Fondi Ewropej

Restawr tal-Knisja taż-Żejt, Kappella ta' San Dimitri u ħolqien ta' picnic area fiż-żona tal-madwar, restawr u luminazzjoni tas-Salib tal-Pjazza, Restawr ta' l-Arkata ta' Sdieri, Restawr tal-Pjazza u diversi xogħolijiet u interventi fuq ħitan tas-sejjieħ fil-viċinanzi ta' dawn il-proġetti.

*€636,021 – an EU funded restoration project under Measure 323 which includes 6 investments: Restoration of Taz-Zejt & San Dimitri Chapels and creation of picnic area in the surroundings of San Dimitri, restoration and illumination of the village cross monument, restoration of Għarb Square and restoration of rubble walls.*



€60,000 allokati mill-fond UIF tal-Mepa, sabiex ikun sostnut il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza żjara tal-Madonna.
*€60,000 from the Mepa UIF funds to sustain the regeneration of Għarb Square Project.*

€75,500 Kontribuzzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u €77,000 mill-Water Services Corporation sabiex jikkumpensaw għall-fatt li ġie mgħoddi r-rising main tad-dranaġġ miċ-ċentru tal-Lokalità.

*A contribution of €75,500 from the Ministry for Gozo and €77,000 from the Water Services Corporation to compensate for the fact that the drainage rising main trench passed through Għarb centre.*

€222,331 fondi għat-toroq taħt il-ftehim ta' koperazzjoni tal-PPP mas-Segretarjat ta' Dr Chris Said sabiex isiru diversi toroq b'investiment totali ta' €444,662 li ser ikunu qed jitħallsu f'diversi snin. Qed nirreferi għax-xogħol estensiv fuq it-toroq bi priorità fuq Triq il-Knisja li sarulha żewġ mejnijiet tal-ilma wieħed fuq kull ġenb, f'xi partijiet inbidel il-mejn tad-dranaġġ, ser jinqalgħu il-bankini kollha sabiex ikunu konformi u fejn possibbli aċċessibbli għal nies b'diżabilità. Pjazza Żjara tal-Madonna ukoll sarulha żewġ mejnijiet tal-ilma, ser jitniżżlu l-wires kollha li hemm mal-faċċati taħt il-bankini sabiex il-Pjazza titnaddaf, ser jinbidlu l-bankini u ser isir il-pavimentar tal-pjazza b'materjal tat-tip porfido kif insibu f'ċentri storiċi barra minn Malta. Ma' dan kollu fil-Pjazza u



Triq il-Knisja ser tkun installata għamara tat-toroq ġdida bħal bankijiet u utilitajiet oħra. Xogħol li ilu tant fuq l-aġenda tal-Kunsill huwa fuq Triq Trux. Hawn ukoll ser naraw ir-rikostruzzjoni tat-triq, mejn ġdid tal-ilma, culvert tal-ilqugħ tal-ilma tax-xita li ser jinbidel għal wieħed ġdid u f'xi partijiet bankini ġodda. It-toroq l-oħra huma: Triq Dun Alwiġ Mizzi, Triq San Pietru, Triq Birbuba, Triq San Dimitri, Sqaq il-Fgura, Triq Sdieri fejn ser jingħata it-tieni wiċċ bit-tarmak u dan wara li jsiru t-tiswijiet maġġuri fuq partijiet li soffrew ħsarat.

*€222,331 through an agreement with the Hon. Dr Chris Said's Parliamentary Secretariat under the Local Councils PPP Scheme for road resurfacing. The agreement provides for a total investment of €444,662 to cover extensive road works with priority on Church Street and Pjazza Żjara tal-Madonna. In Church Street and the square two water mains were laid one on each side of the road. Pavements along Church Street will be reconstructed & where possible made accessible to persons with disability. Services cables at the square will be shifted underground, pavements changed and the square paved with porfido as one can find in historical centres abroad. Other roads to be resurfaced include Trux, Dun Alwig Mizzi, Saint Peter, Birbuba, San Dimitri, Sqaq il-Fgura and Sdieri.*

€124,865 OBIMED. Proġett taħt il-fond Malta Italja li qed ikun implimentat sabiex ukoll jagħti pubbliċità l-ewwel u qabel kollox lill-lokalità tagħna, lill-farmhouses, restaurants, clubs u postijiet ta' interess bħat- Tieqa ta' Wied il-Mielaħ, il-kappella ta' San Dimitri u ħafna postijiet oħra li kultant lanqas biss jaħbtu ma. rasna.

*€124,865 – OBIMED an EU funded Italia-Malta project to publicize first and foremost our locality, the farmhouses, restaurants and places of interest such as Wied il-Mielah, San Dimitri Chapel and many other places.*

€252,000 għall-miljorament tal-arja sportiva u rikreattiva.

*€252,000 to upgrade the sports and recreational area.*

€105,000 riġenerazzjoni tal-uffiċini u twaqqif ta' Ċentru Ċiviku. Ksibna wkoll fil-jiem li għaddew l-awtorizzazzjoni u l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mill-Ministru tal-Finanzi għal self mill-BOV għal ammont ta' €105,000 sabiex inwetqu x-xogħolijiet fuq iċ-Ċentru Ċiviku, liema ċentru ċiviku ser jiġbor fih diversi servizzi dawk ġa eżistenti u possibilment ta' oħrajn ġodda. Dan is-self ser ikun qed jitħallas fuq period ta' 15 il-sena. Mhux faċli li jkun approvat self lill-Kunsilli Lokali u dan isir wara skrutinju sħiħ tal-kapaċitajiet finanzjarji li jirriflettu il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill fl-aħħar snin ta' ħidma. B' wiċċi minn quddiem ngħid li qatt ma konna Kunsill imdejjen minkejja x-xogħolijiet li wettaqna u dan jimliena b'kuraġġ u b'sodisfazzjon sabiex inkomplu naqdu d-dmirijiet tagħna versu l-fiduċja li ngawdu mingħandkom.

*€105,000 to regenerate the Council Offices and create a new Civic Centre. We have recently been authorized by the Central Government as required by law to acquire a loan of €105,000 from BOV to carry out these works. The Civic Centre will house existing services with the possibility of introducing new services. The loan will be re-paid over a period of 15 years. It is not easy for a Local Council to obtain the permit to get a loan, in fact this is approved only after a scrutiny of the financial capabilities which reflect the Council's financial situation over a number of years. I can proudly say that we never ended with a deficit despite the works carried out and this fills us with courage and satisfaction to continue fulfilling our responsibilities in favour of your trust.*

Il-budget annwali tal-Kunsill mill-Gvern Ċentrali jammonta għal madwar €200,000 fis-sena li bihom imdorrija nagħmlu l-mirakli meta tqis li l-lokalità tagħna hija mifruxa fuq medda ta' 15 il-kilometru kwadru u popolazzjoni ta' 1500 ruħ irreġistrata. B'kalkolu faċli wieħed jirrealizza li għal kull persuna fuq spazju ta' kilometru kwadru il-Gvern qed jivvota madwar €133 fis-sena. Bl-ammont li l-Kunsill irnexxilu b'suċċess jakkwista ser jirnexxilna ninvestu €1000 għal kull persuna għas-sena d-dieħla. Niddeskrivi

dan l-ammont totali ta' MILJUN U NOFS EURO bħala ammont ASTRONOMIKU li dawn setgħu biss ikunu possibli bi stinkar bla heda u taħbil il-moħħ. Ninsabu fuq quddiem fil-lista tal-Kunsilli għall-mod kif aħna kapaċi nattiraw u ninvestu fondi speċjali. Dawn il-fondi ser ikunu qed jissarfu kif mistħoqq għalik u għal ġenerazzjonijiet oħra futuri sabiex aħna wkoll inħallu lil uliedna l-aħjar fost l-aħjar bħalma għamlet il-ġenerazzjoni ta' qabilna.

*The Council's government allocation amounts to around €200,000 annually, and with this allocation we are used to do miracles when considering that our locality is spread over 15 square kilometers and a registered population of 1500. One can simply calculate that the Government is allocating €133 per person on an area of 1 square kilometer. With the amount that we have successfully achieved, we will be investing €1000 per person next year. I describe this amount of 1.5 MILLION EURO as an ASTRONOMICAL amount which was only possible following a lot of thinking and hard work. We rank high out of other Councils for our capability to attract and invest special funding. These funds will be converted for the best benefit of the present and future generations.*

Irridu nkomplu nkunu pro-attivi billi nieħdu inizjattivi f'kuntest wiesgħa u fl-istess waqt nirreaġixxu filwaqt u b'għaqal biex inkomplu nkattru s-suċċessi li akkwistajna sa issa.

*We have to continue being pro-active and react timely and wisely to continue exceeding the successes achieved so far.*

Ma naqasx l-investiment tagħna fl-oqsma l-oħra bħal fl-istudenti u l-edukazzjoni billi għal sena oħra fi sħab mal-ġenituri ipprovdejna transport għal dawk l-istudenti li mhux permessibbli iktar jirkbu t-trasport edukattiv. Investejna fil-librerija u llum il-librerija tagħna tinsab online magħquda ma' libreriji oħra. Mhux biss investejna f'aktar kotba u fil-ġimgħat li ġejjin ser ninawguraw librerija ġdida moderna u mgħammra b'aktar faċilitajiet. Ma dan ħloqna wkoll *child care centre* li ser ikunu miftuħ fil-jiem li ġejjin wara l-festi. Inħeġġeġ lil dawk il-familji li jinsabu f'diffikultajiet biex isibu bilanċ bejn il-familja u x-xogħol jew impenji oħra sabiex jagħmlu użu minn dan iċ-ċentru. *Playing field state of the art* mingħajr periklu mgħammar b'aktar logħob li wkoll għad irid ikun inawgurat. Investejna wkoll fuq l-aċċessibilità tal-Kunsill u l-iskola grazzi għal darba oħra għall-intervent tal-Ministru Giovanna Debono flimkien ma għajnuna mill-iskema tal-aċċessibilità mill-fond provdut mis-Segretarjat ta' Dr Chris Said konna allokati is-somma ta' €7,000 biex issa il-Kunsill u l-iskola tagħna wkoll hija regolata mal-konvenzjoni ta' l-aċċessibilità. Jikkumplimenta lil dan ix-xogħol tneħħa ukoll il-periklu fuq iċ-ċint tal-parapett ta' l-iskola li nbidel għal wieħed aktar modern u bl-ogħli mitlub mil-liġi.

*We continued investing in other sectors such as students and education. Once again we provided school transport for those who are not eligible for education transport. We invested in the library and today our library is networked with the central system. We invested in new books and in the coming weeks we will inaugurate a new library equipped with more facilities. We created a child care centre which will open its doors in the coming future. A state of the art playing field. We invested in making the Council and the school more accessible thanks to the intervention of Minister Giovanna Debono together with financial help of €7000 from the accessibility scheme from the Secretariat of Hon. Chris Said.*



Investejna fl-anzjani u erġajna ġeddidna l-kuntratt tad-*day care centre* f'Għajnsielem. Minn hawn inħeġġu aktar anzjani u nies li jgħixu waħedhom sabiex jattendu dan iċ-ċentru. Ma naqsux il-ħarġiet kulturali ta' kull sena tnejn f'Għawdex u tnejn f' Malta u minn din is-sena t-trasport beda jkun provdut dirett lejn Malta flok nieħdu bus differenti f'Malta. Kif semmejt aktar il-fuq ser inkunu qed nipprovdu servizz ta' Taxi b'mod speċjali għall-anzjani għal qadjiet personali tagħhom, liema servizz ser ikun ukoll inawgurat fil-gimgħat li ġejjin.

*We invested in the elderly and renewed the membership in the day centre in Ghajnsielem. We encourage more elderly and lonely persons to attend. We organized various cultural outings both in Gozo and Malta with direct transport from Gozo to Malta. As previously stated we will be introducing a green transport service for the elderly for their personal errands, which service will be introduced in the coming weeks.*

Għaż-żgħażagħ qed inkomplu nesploraw diversi inizjattivi fosthom għajnuna lill-Għarb Rangers sabiex ngħinu fl-investiment tan-nursery li b' għaqal kbir il-club irnexxielu jiġbor numru kbir ta' tfal sabiex jitħarrġu f'din id-dixxiplina sportiva kif ukoll qed nerġgħu naraw ir-ritorn ta' żgħażagħ fit-tim tal-kbar. Hawn ukoll permezz ta' Eco Gozo b'kollaborazzjoni

flimkien irnexxielna nagħmlu kambjamenti fil-*premises* ta' ħdejn il-ground. Għal-sena oħra organizzajna t-*tug of war* f'Seħer il-Punent li wkoll għal darba oħra it-tim tal-Għarb reġa' ħareg ir-rebbieħ. Kellna wkoll l-okkażjoni li nsiefru u nieħdu sehem f'attività fl-Italja. Nieħdu pjaċir ninvestu fiż-żgħażagħ tagħna u qed nesploraw boroz ta' studji sabiex jitqassmu lill-gradwati fil-lokalità tagħna. Ġa fil-limitazzjonijiet tagħna għinna sabiex studenti li jattendu l-iskola sekondarja Ninu Cremona kellhom il-possibilità li jżuru Brussels flimkien ma sħabhom u l-għalliema tagħhom.

*For the youths sector we continue exploring various initiatives amongst which investing in the football nursery to encourage this sports discipline. Through Eco Gozo funds in collaboration with Għarb Rangers we made improvements in the sports complex near the football ground. We organized the tug of war during Seħer il-Punent where the Għarb team won again. The team also had the opportunity to go to Italy and participate in a tug of war event. We are exploring the possibility of investing in study packages for our graduates. In our limitations we have helped students attending Ninu Cremona to have an educational experience in Brussels.*

Fil-qasam tas-saħħa qed inkomplu ninvestu f-faċilità aktar moderna fejn mistennija li jitwal il-ħin tal-ftuħ u jkunu mogħtija aktar servizzi. Dan iċ-ċentru tas-saħħa wkoll huwa parti mil-proġett taċ-Ċentru Ċiviku.

*In the health sector we will continue working to have a better facility with extended hours and services. This will be part of the Civic Centre project.*

Tul l-aħħar sena għamilna konsultazzjoni wiesgħa fil-lokalità sabiex ikunu stabbiliti il-miżuri li jridu jittieħdu sabiex jitnaqqsu l-emmissjonijiet u nikkrejaw ambjent aħjar u aktar nadif.

*During the last year we made a wide consultation in the locality to establish measures to be adopted to reduce emissions and to create a better and cleaner environment.*

Ksibna diversi permessi tal-Mepa li huma importanti sabiex fost l-oħrajn isir ir-restawr tal-Knisja Parrokkjali, monument storiku u importanti ferm fil-lokalità tagħna. Dan għamilnieh b'kollaborazzjoni mal-Arċipriet Joseph Sultana u l-kapitlu. Sa issa l-Kunsill investa s-somma ta' €8800 f'garanziji bankarji fuq il-proġett tal-Kappella ta' San Dimitri u l-Knisja taż-żejt kif rikjest mil-MEPA. Gejna miltuba wkoll garanzija bankarja ta' €10500 fuq ir-restawr tal-Knisja Parrokkjali.

*We acquired various Mepa permits necessary to carry out restoration works, amongst which on the Parish Church, an important and historical monument in our locality. So far we invested €8800 in bank guarantees on restoration works of Taz-Zejt and San Dimitri Chapel and were requested to do another guarantee on the restoration of the parish church for €10,500.*



Mal-bqija tax-xogħol investejt ħin ukoll sabiex il-Knisja tagħna tiġi mogħnija b'Museum li jesprimi l-istorja u l-ħiliet ta' ulied il-parroċċa u l-lokalità tagħna u akkwistajna s-somma ta' €20,000 f'isem l-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa li wieħed mill-għanijiet tagħha huma il-ħarsien tal-patrimonju u kultura. Nieħu spunt żgħir u nagħmel referenza għall-messaġġ tiegħi tas-sena l-oħra, l-awgurju lill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana jidher li kien wieħed propju u f'waqtu għaliex il-bidliet u novitajiet kemm reliġjużi kif ukoll soċjevoli qed ikollhom impatt prestiġjuż fuqna lkoll. Kliem ta' grazzi għall-impenn sod sabiex l-għaqdiet isibu bilanċ u jikkolaboraw aktar flimkien.

*I would like to take this opportunity and refer to part of my message published in last year's edition, particularly to my wishes to Parish Priest Mons. Joseph Sultana, which seem to have been appropriate since both religious and social changes and innovations are having a prestigious impact on all of us. Words of thanks go also to the effort being made so that the local NGO's can find a balance and co-operate together.*

Ksibna fondi sabiex tkun rijabilitata' u mtejjba s-sala taċ-Ċentru Parrokkjali u konna mogħtija ammont minimu ta' €2,000 li flimkien ma somma akbar li ħareg iċ-Ċentru Parrokkjali sar tibdil kbir u investiment fl-infrastruttura, sistema ta' dawl, *sound* u tisbieħ ieħor li jagħmel minn din is-sala prinċipali fil-lokalità tagħna sala ta' livell. Grazzi lil Dun Ġużepp u lill-membri tal-kumitat tal-ħidma tagħhom. Mhux inqas grazzi għall-Għarb Rangers li permezz tagħhom setgħu ikunu attirati fondi sabiex tranġa il-Kumpless Sportiv li hemm fejn il-Ground, xogħol li jikkonsisti fi bdil ta' aperturi, stallazjoni ta' dawl energy saving, sistema ta' reċiklaġ tal-ilma u modernizzar ieħor. Dawn it-tlett proġetti setgħu ikunu possibli biss wara sejħa ta' proġetti taħt l-inizjattiva u l-proġett governattiv Eko Għawdex.

*I invested time towards the project of the Church Museum, where we managed to acquire €20,000 through tal-Qiegha Folk Foundation. One of the foundation's main aims is to safeguard our patrimony and culture. We also acquired €2000 for the rehabilitation of the Parish Centre hall. Together with a larger amount funded by the Parish Centre these funds helped to make improvements in the infrastructure, a new sound and light system and other embellishment. Thanks to Fr. Joseph and members of the committee for their contribution. Last but not least thanks goes to Għarb Rangers who acquired funds for the upgrading of the sports complex, consisting of replacement of existing apertures, installation of energy saving lights and water recycling system. These three projects could only be possible through financing from the Eco Gozo Funding Scheme.*

Seħer il-Punent kien ukoll din is-sena flimkien mal-attivitajiet tal-Kunsill suċċess. Nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-Għaqdiet kollha tas-support u l-għaqda li teżisti bejniethom u għall-ħila tagħhom dawn l-attivitajiet jistgħu ikunu suċċess. Grazzi.

*Seħer il-Punent was a success, together with other Council activities. I would like to thank all organizations for their support and unity. With their participation these activities could be a success.*

Naħseb li frixt sew il-messaġġ tiegħi fuq il-ħidma li wettaq u li għandu preparata il-Kunsill Lokali tiegħek. Minn mindu inħolqu l-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali l-Għarb dejjem ħadem bla heda sabiex itejjeb il-ħajja billi ipprovda ambjent dejjem aktar nadif u b'saħħtu. Se nkomplu nibnu fuq il-pedamenti sodi li għamilna flimkien u nkomplu nagħmlu differenza fil-ħajja tagħna ilkoll fiż-żmien li ġej.

*I think I spread well my message about the Council's initiatives. As from its creation l-Għarb Local Council was committed to improve the quality of life of the residents by creating a cleaner and healthier environment. We will continue to build on the strong foundations created together to continue making a difference in the lives of our citizens in the times to come.*

Flimkien u b'determinazzjoni se nkomplu naħdmu biex ninvestu b'għaqal fik u fil-lokalità tagħna.

*Together with determination we will continue working to invest wisely in you and our locality.*

Nieħu din l-okkażjoni sabiex nawgura l-hena tal-festi, intom li ma tistgħux toħorgu minn djarkom minħabba mard, intom li dawn iż-żminijiet jimpenjawkom aktar, l-emigranti u lilkom ilkoll qarrejja u lil qrabatkom. J'Alla s-sena d-dieħla tkun sena mimlija ferħ, hena u suċċessi skond ix-xewqa tagħkom.

*I take this occasion to wish you peace for the festive season, to all those who are house bound because of illness, those of you who are more busy during this period of year, the emigrants, all readers and your relatives. May the coming year be filled with peace and happiness and all success in life.*

Sliem
*Peace*

David Apap
**Sindku**

# Mill-Pinna tal-Kunsilliera....



Iż-żmien jgħaddi ġimgħa wara ġimgħa u tgħaddi sena u mank tinduna. Reġgħa wasal iż-żmien biex inwasslu l-messaġġ tagħna l-Kunsilliera għal żmien il-Milied.

Għal darb'oħra l-Kunsill żamm il-kalendarju ta' l-attivitajiet tiegħu ta' matul is-sena. L-ewwel attività tkun dik tal-Karnival li l-Kunsill jorganizza serata fil-Pjazza. L-attività oħra li hija popolari kemm ma' l-Għawdxin kif ukoll ma' għadd mhux ħażin ta' Maltin hija dik ta' Seħer il-Punent.

Għal festa l-Kunsill jerġa jorganizza l-Infiorata fuq iz-zuntier li tkun tema' differenti ta' kull sena.

Il-Kunsill jorganizza ħarġiet għal anzjani tar-raħal attivitajiet għat-tfal u diversi korsijiet għal matul is-sena. Bħala xogħol illesta' l-playing field ta' ma' ġenb il-ground tal-football, għaddej ix-xogħol fuq uffiċini tal-Kunsill. Tlestiet Triq Frenċ tal-Għarb u beda x-xogħol ta' tqiegħed ta' main ta' l-ilma ma' kull naħa fil-Pjazza Viżitazzjoni u Triq il-Knisja. Nittama' li ma jdumx ma' jibda' x-xogħol ta' irranġar ta' wiċċ it-triq bit-tarmak u l-pjazzez bil-pavimentar. Irridu ngħidu ukoll li ċertu dewmien ma jkunx tort tal-Kunsill, imma minn ċertu korporazzjonijiet u anke kuntratturi. Żgur li l-Kunsill kollu mhux sodisfatt bl-istat tat-toroq u għalhekk nixtiequ li ma jdumx ma' jitlestew dawn ix-xogħolijiet. Ta' min ifakkar ukoll illi l-Kunsill ġab fondi għar-restawr ta' San Dimitri, Taż-Żejt, l-Arkata u s-Salib tal-Pjazza.

Fl-għeluq tal-messaġġ tiegħi nixtieq nawgura l-festi t-tajba lil kulħadd, u Sena Tajba mimlija risq u barka.

❑ raymondgrb@gmail.com
❑ 7909 0937

*Raymond Cassar*
**Viċi - Sindku**

---



Għeżież qarrejja,

L-elfejn u ħdax ġab miegħu taqlib kbir. Gwerer u rivoluzzjonijiet fil-pajjiżi Għarab li għadhom ma ssolvewx u l-kriżi finanzjarja fil-pajjiżi l-kbar ta' l-Ewropa u l-Amerika. L-effetti ta' dan it-taqlib fuq Malta u iktar u iktar fuq Għawdex qiegħed jinħass f'kull livell tas-soċjetà. Però, jekk nirriflettu ftit, naraw illi s-soċjetà tagħna ukoll għaddejja minn taqlib intern kbir u dan seħħ ħafna qabel ma beda l-għawġ fil-pajjiżi l-kbar. Il-valuri sodi, li tant kienu kruċjali fil-passat sabiex aħna bħala poplu niffaċċjaw lis-sfidi u l-problemi kkaġunati mill-pajjiżi l-kbar li kienu jaħkmuna tnaqqru u tkissru. In-nuqqas ta' integrità, l-inġustizzji u l-egoiżmu flimkien man-nuqqas ta' xogħol li jrendi u l-weġgħat personali qegħdin joħolqu qtieħ il-qalb li jkompli xxekkel l-ispirtu. Is-suċċess ta' pajjiż mhux mibni fuq kemm il-sena partit iggverna fuqu, iżda fuq il-kwalità ta' ħajja li ħoloq għas-soċjeta u fuq l-idejali li fuqhom issawwar in-nazzjon. Dan kollu ma jfissirx li ma baqax tama. Id-djufija tal-ekonomija u l-qerda tal-ambjent ta' madwarna qegħdin bil-mod jgħinuna nirrejalizzaw illi hemm bżonn ta' bidla fil-mod ta' kif ngħixu ħajjitna għall-aħjar tal-familji u s-soċjeta tagħna. Biex nagħmlu dan, kulħadd irid jiġbed ħabel wieħed u jridu jintesew d-differenzi ta' bejnietna.

Mhemmx Milied idejali : il-Milied noħolquh aħna u huwa mera tal-valuri, xewqat, mħabbiet u tradizzjonijiet tagħna nfusna.

Nixtieqilkhom il-festi t-tajba u sena ġdida mimlija risq u hena.

❑ lisa.m.brooke@gmail.com
❑ 9982 2704

*Dr Lisa Marie Brooke*
**Kunsillier**



Għal darba oħra wasal iż-żmien li fih tiġi ippublikata r-rivista 'Leħen il-Punent' u bħas-soltu din ir-rivista isservi ta' opportunita għalina il-Kunsilliera li nwasslu messaġġ lilkom, ir-residenti tar-raħal tal-Għarb. Huwa, fil-fatt ta' pjaċir għalija li naqsam magħkom dawn il-kelmtejn.

Is-sena tgħaddi tiġri u jekk ma niqfux ftit nirriflettu l-anqas nindunaw li għaddiet sena oħra minn fuqna. Jekk wieħed jirrifletti mil-lenti tar-raħal tagħna din is-sena li waslet biex tintemm tista' faċilment tiġi notata għal diversi skambji u bidliet li kellna f'diversi pajjiżi ġirien tagħna. Bidliet illi nemmen illi għandhom iservu ta' ġid.

Tul din is-sena kellna bosta attivitajjiet oħra fil-lokalità tagħna, dan kemm mil-lat rikrejattiv, soċjali u soċjo-reliġjuż. Dwar l-attivitajiet li ttellgħu min-naħa tal- Kunsill Lokali, għal darba oħra mhux biss irnexxielna nkunu eżemplari, iżda wkoll innovattivi. Dan għaliex minkejja ċ-ċokon u l-limitazzjonijiet ta' raħal bħal tagħna, dejjem wasalna biex ntellgħu attivitajjiet brillanti, għal benefiċċju mhux biss tar-residenti, iżda ta' kull min jinvolvi ruħhu fihom. Dan kollu żgur li ma jkunx possibbli mingħajr il-parteċipazzjoni ta' bosta nies mill-lokal. Parteċipazzjoni li ta' min tidher u ta' min ma tidhirx. Ta' dan inħossni grat lejn kulħadd u minn qalbi ngħid 'Grazzi'.

Ma nistax ma' nsemmix u nirringrazzja lil Arcipriet tagħna Mons. Joseph Sultana tal-ħidma tiegħu kemm pastorali kif ukoll soċjali fir-raħal tagħna. Ngħidlu proset tassew ukoll għal mod kif irranġa ħafna mill-bini tal-Knisja tagħna. Nawguralu li jissokta fil-ħidma tiegħu kif ukoll nħeġġeġ lil kull min jista', jgħati l-għajnuna tiegħu u ma joqgħodx lura milli jagħmel dan.

Ngħid proset ukoll lil membri tal-kumitati u l-għaqdiet kollha li għandna fir-raħal tagħna. Li ma kienx għal dawn in-nies, li b'serjetà u mpenn kbir imiddu għonqhom għax-xogħol, a skapitu tal-familji tagħhom, kieku ir-raħal żgur li jkun nieqes mir-ruħ tiegħu li tanima l-attivitajiet li jkollna tul is-sena b'mod speċjali l-festa tar-raħal.

B'ġigħ għalina lkoll din is-sena l-Għarb ingħata l-Award tant prestiġġjuż msejjaħ 'Eden' (European Destination of Excellence) B'dan l-award, kull min jopera fil-qasam turistiku, jew b'xi mod huwa konness ma dan il-qasam, fl-Għarb, jista' jgawdi minn benefiċċji mhux żgħar.

Bħala Kunsill deħlin fit-tielet sena ta' dan it-term fejn wieħed jibda jistenna li jintwerew ċerta riżultati. Kultant ir-riżultati jaslu drabi oħra le. Ir-raġunijiet jistgħu ikunu diversi wħud li wieħed jista' jkollu kontrol fuqhom u oħrajn le. Min naħa tiegħi kif dejjem għamilt inwiegħed kull sforz biex dawn l-okkażjonijiet ikunu minimi.

Bla dubju ta' xejn il-pjazez u t-toroq tagħna qegħdin żgur fuq fomm kulħadd ġor-raħal tagħna. Ix-xogħol li għaddej huwa żgur ta' nkonvenjenza kbira, filwaqt li kemm bħala ċittadin kif ukoll bħala kunsillier tal-Għarb nistenna li x-xogħol jitlesta mingħajr ebda dewmien żejjed. Nħoss li mhux adegwu li tgħaddi u tara x-xogħol wieqaf. Dan żgur huwa ta' għadab, b'mod speċjali għar-residenti tat-toroq affetwati.

Għas-snin li ġejjin il-Kunsill għandu diversi proġetti li jridu jiġu attwati. Dawn il-proġetti jikkonsistu f'xogħlijiet f'diversi postijiet fir-raħal tagħna. Fosthom hemm il-bini tal-Kunsill li jrid jiġi irranġat biex bħala Kunsill ikun jista' iservi aħjar il-bżonnijiet taċ-ċittadini kollha tal-Għarb. Proġetti oħrajn huma xogħlijiet konnessi ma' toroq fir-raba', kif ukoll proġetti bħal restawrar tal-mina ta' Sdieri, il-kappella ta San Dimitri u l-inħawi, kif ukoll xogħol relatat mar-restawr tal-Knisja taż-żejt fiċ-ċimiterju tal-Għarb.

Nixtieq nisserva b'din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lir-residenti tal-koperazzjoni li dejjem urejtu kemm miegħi bħala kunsillier kif ukoll mal-Kunsill.

Nħeġġiġkom biex tfittxuna meta jkollkom bżonn, u nassigurakom illi kemm min naħa tiegħi individwali kif ukoll ma sħabi l-kunsilliera, żgur ser nagħmlu l-almu tagħna kollu sabiex ngħinukom fl'ilmenti tagħkom. Finalment nagħlaq billi nawgura l-Festi t-Tajba lil kulħadd u sena ġdida mimlija risq, barka u sliem.

Inselli għalikom,

Emanuel Muscat
Kunsillier

❑ muscat04@maltanet.net
❑ 7955 2223



Bħas-snin l-imgħoddija lejn tmiem is-sena l-Kunsill Lokali jippublika "Leħen il-Punent", fejn il-pubbliku jsir jaf dwar il-ħidma li wettaq u li se jwettaq fis-sena li ġejja l-Kunsill Lokali tal-Għarb.

Minn hawn insellem lin-nies tagħna u nirringrazzjahom tal-koperazzjoni u l-għajnuna li turu magħna fil-ħidma li nwettqu fi ħdan il-Kunsill b'risq il-lokalità tagħna. Din is-sena lill-anzjani ħrignihom erba' darbiet, tnejn Malta u tnejn Għawdex, u l-konkorrenza kienet tajba. Għandna numru wkoll li kull nhar ta' Tnejn jattendu d-Day Centre f'Għajnsielem. Lill-anzjani tajnihom il-possibilità li jieħdu l-labra tal-influwenza fil-berġa tagħna fl-Għarb. Hemm il-ħsieb li aktar 'l quddiem il-berġa tkun parti mill-bini tal-Kunsill u tkun atrezzata b'ekwipment modern. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq ic-childcare centre, se jkun fuq standards tal-Ewropa u se nippruvaw niftħuh ma ndumux, biex ikun ta' għajnuna siewja għal dawk l-ommijiet li ma għandhomx min iżommilhom it-tfal. Ic-childcare centre se jiftaħ mhux biss għar-residenti tagħna imma anke għal dawk li m'humiex mill-lokalità tagħna. Lit-tfal ukoll naħsbu fihom, kull sena l-Kunsill jixtri kotba ġodda għal-librerija u fejn nistgħu naraw xi jkollhom bżonn għall-iskola. Għall-istudenti sekondarji ħsibnielhom għat-transport ta' kuljum. Norganizawlhom attivitajiet għalihom bħal-karnival u fil-Milied party u rigali lit-tfal kollha. Waqt li lill-istudenti universitarji nifirħulhom f'Jum l-Għarb talli ggradwaw.

Il-Kunsill matul is-sena jorganizza diversi korsijiet li fihom ħadu sehem numru sabiħ ta' parteċipanti, u dan jagħmlilna kuraġġ biex nkomplu nwettquhom. Hu sinjal tajjeb għax in-nies tagħna għad baqgħalhom għatx għat-tagħlim. Aħna l-membri tal-Kunsill ma norganizzawx biss attivitajiet imma l-ħsieb tagħna hu kif se nwettqu proġetti. Dan l-aħħar ġibna fondi mill-EU biex nirrestawraw il-kappella ta' San Dimitri, il-Knisja taż-Żejt, l-arkata tas-Sdieri, għas-Salib tal-pjazza, u diversi ħitan tas-sejjieħ. Filwaqt li diġa ħadna fondi għal Wied il-Mielaħ. Sar restawrar tan-niċeċ qodma li għandna ġo l-Għarb. Kieku kellna nagħmlu dawn il-proġetti mill-fondi allokati lilna mill-gvern ċentrali, naħseb l-anqas konna nibdew.

U bħalissa għaddej xogħol fuq il-bini tal-Kunsill. Meta l-bini jkun lest, il-Kunsill ikollu iżjed faċilità biex jorganizza ruħu aħjar bħall-ufficini u fejn isiru laqgħat. Minkejja n-nuqqas ta' spazju llum il-membri tal-Kunsill jagħmlu ħilithom kollha biex jaqdu l-bżonnijiet ta' kulħadd. Il-Kunsill qed jiftaħ il-bibien tiegħu anke s-Sibt filgħodu biex żgur kulħadd ikun moqdi. Nixtieq nirringrazzja lin-nies tagħna tal-koperazzjoni fil-qasam tas-separazzjoni tal-iskart. Inkomplu nżommu l-lokalità tagħna nadifa, dan jiswa' kemm għal saħħitna u għall-ambjent tagħna, għal uliedna u anke għal dawk li jiġu jżuruna. Dan jixhdu l-Award li ħadna tat-Turiżmu.

Mill-ġdid nixtieq nirringrazzja lil kulhadd għas-sapport li tamlulna biex nkomplu fil-ħidma tagħna favur il-lokalità tagħna tal-Għarb. Nixtieq nagħti lil kulħadd l-Awguri għal dawn il-Festi u Sena mimlija saħħa u ġid u barka.

Carmen Vella

❏ carmen.b.vella@gov.mt
❏ 7927 8087

*Carmen Vella*
**Kunsillier**



# Messaġġ mill-Arċipriet

Mons. Dr Joseph Sultana



## GĦERUQNA IĠEDDUNA

Matul dawn l-aħħar ġimgħat u xhur, il-komunità parrokkjali tagħna preżenti fil-lokalità tal-Għarb, inħoss li għaddiet u għadha għaddejja minn proċess ta' tiġdid. Meta ngħidu tiġdid ħafna drabi infissru li dak li jkun qdiem jitwarrab biex jagħti spazju għall-ħajja ġdida. Imma mhux biżżejjed nfissru t-tiġdid, billi ngħidu li l-ġdid jaqla' l-qadim. Il-veru tiġdid huwa meta wieħed jerġa' lura lejn il-bidu ta' kollox – lejn l-għeruq – biex hemm jiltaqa' mal-essenzjal tal-bidu u jerġa' jibda minn hemm. Ħafna drabi fil-ħajja jiġrilna li tant nitbegħdu li ma nibqgħux niftakru minfejn tlaqna bil-konsegwenza li nitilfu d-direzzjoni. Forsi biex nuża kliem aktar xjentifiku nistgħu nitkellmu mid-DNA – dak l-element l-aktar bażiku u vitali tal-ħajja li jindikalna l-karatteristiċi essenzjali kollha tal-persuna. Il-veru tiġdid huwa li ssir taf mill-ġdid id-DNA tiegħek u tapprezza dawk il-valuri sbieħ li jsawwruk.

It-tiġdid li għaddejja minnu l-komunità parrokkjali tagħna huwa primarjament dak tal-katekeżi kristjana għall-adulti. Minkejja li aħna qegħdin f'pajjiż u f'lokalita nisranija, imma żmienna qiegħed jikxef il-ħtieġa li nerġgħu nxandru l-Vanġelu ta' Ġesu' Kristu fis-seħer u ż-żogħożija tiegħu. Kien għalhekk li bħala arċipriet matul dawn l-aħħar xhur bil-kollaborazzjoni tas-saċerdoti u tal-lajċi mpenjati għamilna sforz kollettiv biex insaħħu l-istrutturi tal-katekeżi tal-adulti biex kull min irid, jista' jsib forom diversi ta' katekeżi adegwati għal ħajtu u għal żmienna. Nista' ngħid li żdiedu l-membri fl-għaqdiet tradizzjonali bħalma huma l-Azzjoni Kattolika u l-Leġjun ta' Marija. Ma' dawn inżid il-grupp tal-koppji miżżewġa li reġa' beda jiltaqa', b'numru sabiħ li kull ħmistax jieqfu biex





japprezzaw is-sbuħija tal-ħajja tagħhom bħala koppja. Bħala inizjattiva ġdida bdew ukoll il-katekeżi tal-Komunità Ewkaristika bit-tama li titwaqqaf fil-parroċċa tagħna. Dan huwa tiġdid mill-aktar siewi f'komunita nisranija ta' ħajja twila 'il fuq minn tlett mitt sena. Lil Kristu jeħtieġ li nerġgħu nagħmluh magħruf għax ħafna insewh u warrbuh! Dawn huma għeruqna li minnhom tiġina l-ħajja u għalhekk hemm bżonn li ngħożżuhom aktar biex ikunu għajn ta' tiġdid fejjiedi għall-ħajjitna.

Tiġdid ieħor li hemm bżonn li napprezzawh fil-fond huwa mfisser fil-mużew tal-parroċċa, li nittamaw li fi ftit ġimgħat oħra jara d-dawl. Hija ħolma li ilha li bdiet għexieren ta' snin u bil-għajnuna ta' fondi li waslulna mill-EkoGħawdex u bil-kollaborazzjoni kbira tal-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa u bl-impenn personali tas-Sindku David Apap. *Ecclesia Mater* ser ikun l-isem ta' dan il-mużew biex jirrifletti l-ġrajja ta' din il-knisja omm fil-punent tal-gżira Għawdxija, li nisslet ħafna ulied għall-milja tal-ħajja. Il-mużew ser joffri rakkont ta' ġrajja, li hija stqarrija tal-fidi msarrfa u mgħixha fil-ħajja ta' missirijietna. Joffrilna okkażjoni biex nerġgħu lura għal għeruqna u naraw jekk aħniex nintgħarfu bħala ulied dawn il-missirijiet li tifkirithom ser tkun artistikament viżibbli f'dan il-mużew tal-parroċċa.

Waqt li nawgura li dawn iż-żewġ sinjali ta' tiġdid ifissru u jnisslu t-tiġdid tal-qalb f'kull parruċċan, nawguralkom li dawn il-festi tal-Milied li riesqa ma jgħaddux bla ma jħallu xejn ġdid fina. Kristu huwa l-bniedem il-ġdid li jsaħħarna għal warajh waqt li jgħinna biex ikollna qabża ta' kwalità fl-umanità tagħna, aħna li naqsmu flimkien il-ħajja f'din l-istess lokalità tal-Għarb. Il-Festi t-Tajba.



# Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità

Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permezz ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalità. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi kollha li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqdiet.

## Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni

F'dawn il-kelmtejn tiegħi, f'isem il-kumitat, nista' ngħid li kellna sena oħra ta' ħidma kbira. Grazzi mill-qalb lill-poplu kollu tal-Għarb għall-ġenerożita` kbira li dejjem juri magħna. Qabel l-ewwel ġabra li nagħmlu wara dawn il-festi ser inqassmu rendikont biex tkunu tistgħu taraw kif qed jitqassmu dawn il-fondi. Dan żgur juri li l-festa għad għandha post importanti f'qalbkom. Nirringrazzja ukoll lil dawk l-individwi kollha li b'imħabba u b'dedikazzjoni joffru l-ħidma u l-ħin tagħhom b'risq il-festa speċjalment lil dawk li jibqgħu għaddejjin matul is-sena kollha. Bħal dejjem, nixtieq nitlob għall-koperazzjoni tagħkom, sew fl-attivitajiet ta' *fund raising* li nagħmlu matul is-sena, kif ukoll bħala għajnuna finanzjarja tagħkom fil-proġetti ta' restawr li għaddejjin bħalissa.

Issa li l-bandalori ta' Triq Trux u Triq Frenċ tal-Għarb inġabru kollha, kif rajtu fil-festa li għaddiet, bdejna nduru l-kolonni tal-anġli tal-istess toroq. Fir-rendikont li ser jitqassam ser ngħidulkom aktar fid-dettall ix-xogħol li sar u li għadu għaddej fuqhom kif ukoll kemm ser tiġi tiswa kull waħda. Fiduċjużi li għal darba oħra, ser insibu l-koperazzjoni tagħkom biex inkunu nistgħu inħallsuhom kollha. Fl-aħħar, iżda żgur li mhux l-inqas, nixtieq infakkarkom fil-proġett tal-maħżen il-ġdid li ser jibda dalwaqt. Kull min jista' jgħinna, nitolbu jkellem jew lill-Arċipriet jew inkella lil xi membru mill-kumitat tal-fiduċja tiegħu. Dan il-proġett, apparti li hu l-aqwa investiment għall-kumitat u għall-parroċċa tagħna, hu ukoll fundamentali biex ikollna spazju biżżejjed biex dak li għandna niġbruh sew, mingħajr ma ssirlu aktar ħsara. Kif tistgħu taraw mil-istess rendikont, il-kumitat mingħajr l-għajnuna u l-ħidma ta' kulħadd, bil-fondi tiegħu biss żgur li ma jwassalx.

F'isem il-kumitat nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida mimlija risq u hena lill-membri kollha tal-parroċċa tagħna.

**Ruben Camilleri**, *Segretarju*

## Azzjoni Kattolika

Għall-grazzja ta' Alla, sena oħra reġgħet waslet fi tmiemha. Ta' kull sena il-Kunsill joġgħbu jistieden lil għaqdiet li jinsabu f'dan ir-raħal biex permezz ta' 'Leħen il-Punent' nibgħatu l-messaġġi tagħna lir-residenti tal-Għarb u ta' dan nirringrazzjawh.

Forsi ma' tantx nafu li din l-għaqda ta' l-A.K. kienet minn ta' l-ewwel li ġiet imdaħħla fl-Għarb jiġifieri madwar 78 sena ilu. Ħadmu fuq li ħadmu dawk is-saċerdoti ħabrieka, irrid ngħid Dun Guzepp Portelli, Dun Bernard u ħuħ Dun Vinċens biex permezz ta l-A.K. iwasslu tagħlim jiswa mitqlu deheb lil niesna.

Issa qed noqorbu għall-bidu ta' sena oħra. Aħna l-membri ta' l-A.K. nixtiequ lin-nies tar-raħal tagħna l-isbaħ xewqat. Iż-żmien qed itir u għalhekk ma' nkunux bil-għaqal jekk nintilfu wisq fuq iċ-ċekċik. Ħafna drabi, anke mingħajr ma' nindunaw, inkunu qegħdin narmu d-deheb u nigbru ż-żrar. Alla l-imbierek qed jipprovdilna tant u tant tagħlim prezzjuż fi ħdan l-għaqdiet li għandna fir-raħal tagħna. Jaqbel li nagħmlu użu tajjeb minnu. Hekk inkunu kapaċi, anke qalb tant dlam fid-dinja tal-lum, nimxu fit-triq id-dritta u anke nwasslu lill-oħrajn. Mela nkomplu naħdmu bil-qalb fiż - żmien li faddlilna, dejjem ċerti li Alla mhux se jħallina ngħadduh fil-ġenerosita Tiegħu magħna. Nixtieq Milied u Sena Ġdida mimlija b'kull barka tal-Mulej.

**Terezina Cauchi**

## Għaqda Mużikali Viżitazzjoni

Il-Banda Viżitazzjoni għada kif iċċelebrat it-tmien anniversarju mit-twaqqif tagħha! Bix-xieraq, danil-mument ġie mfakkar b'quddiesa solenni immexxija mill-Arċipriet Joseph Sultana akkumpanjat mid-Direttur Spiritwali il-Kanonku Dun Gużepp Tabone. Is-Surmast Direttur il- ġdid il-Mro. George Apap mexxa l-banda flimkien mal-kor parrokkjali. Il-quddiesa kienet segwita minn 'PowerPoint' kommemorattiv f'għeluq l-ewwel sena mill-mewt ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi u marċ funebri bl-isem **IN MEMORIAM Mons. Nikol Ġ. Cauchi – Isqof ta' Għawdex – Iben l-Għarb**. Dan il-marċ ġdid huwa kompożizzjoni tal-Mro. George Apap. Fl-istess lejla ġiet ippreżentata l-Emblema tal-Banda lis-Surmast Direttur George Apap u lill-Assistent Surmast Jason Camilleri fil-bidu tal-ħidma tagħhom mal-Banda Viżitazzjoni. Minn qalbi nixtieq inrodd ħajr lill-poplu kollu tal-Għarb għall-attendenza numeruża u lill-bandisti għas-sehem tagħhom.

L-appuntament li jmiss għall-Banda tagħna hu għal nhar it-Tnejn 26 ta' Diċembru fis-7.00pm, għall-purċissjoni tal-Bambin organizzata mis-Soċjetà tal-Museum. L-għada t-Tlieta 27 ta' Diċembru ser inkunu attivi fi Programm tal-Milied ġewwa l-Bażilika Kolleġġjata tal-parroċċa. Fl-istess ġimgħa, sewwa sew nhar il- Ġimgħa 30 ta' Diċembru, ser nippreżentaw il-Kunċert tal-Milied fis-sala tal-lukanda Kempinski f'San Lawrenz. Dawn l-attivitajiet ser ikunu taħt id-direzzjoni tas-Surmast il-ġdid il-Mro. George Apap. Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendi għal dawn l-attivitajiet sbieħ għall-jiem għeżież tal-Milied. Ejjew, ħajjru lil ħbiebkom, u żgur li ma jiddispjaċikomx! Il-preżenza tagħkom hija ta' inkuraġġiment u apprezzament għall-ħidma tagħna.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, f'isem il-kumitat u l-bandisti tal-Għaqda Viżitazzjoni, nixtieq inwasslilkom l-isbaħ xewqat għal Milied hieni u sena ġdida mimlija ferħ u hena. Viva Ġesu' Tarbija!

**Alfred Cauchi,** *Segretarju*

## Leġjun ta' Marija

Għal darba oħra l-Leġjun ta' Marija qed jieħu l-opportunità li qed joffrilu l-Kunsill Lokali biex jibgħat il-messaġġ tiegħu għall-Milied u għall-Ewwel tas-Sena.

Din is-sena jaħbat id-90 anniversarju tat-twaqqif tal-Leġjun ta' Marija. Din il-għaqda kienet twaqqfet minn Frank Duff fl-Irlanda u matul is-snin xterdet ma' ħafna pajjiżi fid-dinja. Il-Leġjun hu magħmul minn numru kbir ta' gruppi li jissejjħu Praesidia. Fir-raħal tagħna ghandna Praesidia kemm tal-Irġiel u kemm tan-nisa. Għandna wkoll Praesidia tal-Juniors u tal-Intermediates. Dawn jagħmlu laqgħa ta' kull ġimgħa fejn igħidu xi talb u jippjanaw xi xogħol ta' apostolat. M'ilux wisq kellna Jum il-Għarb u membri mill-Leġjun kienu fost dawk il-persuni li ġew rikonoxxuti għal ħidma li jwettqu matul is-sena.

Wieħed mid-dmirijiet tagħna l-Leġjunarji hu li nagħmlu li nistgħu biex ma nitilfux is-sens reliġjuż tal-Milied. Il-Milied hu t-tifkira ta' meta l-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna f'kollox barra fid-dnub. Alla ried jurina kif għandna ingħixu matul ħajjitna fuq din l-art. Iżda ried jurina dan bl-eżempju. Din hi t-tifsira ġenwina tal-festa tal-Milied.

Il-ħajja mgħaġġla tal-lum ma tantx tħallilna ħin biex il-familja tingħaqad flimkien. Iżda fil-Milied kull familja tara kif tagħmel u tingħaqad flimkien għal xi ikla tajba. Il-Leġjun ta' Marija jawgura li din il-għaqda fil-familja tkompli matul is-sena kollha. Dan l-awgurju jmur ukoll għal dawk il-familji li jiġu fir-raħal tagħna għal ftit ġranet ta' mistrieħ.

Il-Milied it-tajjeb u s-Sena t-tajba lil kulħadd.

**Grezzju Cauchi**

## Messaġġ miċ-Ċentru

Ġejt mitlub inwassal messaġġ f'isem iċ- Ċentru Parrokkjali, permezz tal-pubblikazzjoni "Leħen il-Punent". Nibda biex ngħid li dan il-Fuljett huwa okkażjoni tajba biex ngħid 'grazzi' lil dawk kollha li matul is-sena jagħtu s-sehem tagħhom fiċ- Ċentru Parrokkjali. Kif jaf kulħadd, f'dawn il-gimgħat kien għaddej xogħol estensiv fiċ- Ċentru Parrokkjali. Għandna l-għajnuna limitata ta' elfejn Ewro minn ECO Għawdex fir-rigward tad-dwal ġodda tas-Sala principali. Imma l-ispiża tax-xogħolijiet li qed isiru hija wisq akbar.

Dan il-Fuljett huwa wkoll okkazjoni sabiħa biex inwassal l-Awguri u x-Xewqat Tajba taċ-Ċentru Parrokkjali għall-Milied u s-sena l-Ġdida lil kulħadd. Iż-żmien tal-Milied huwa żmien sabiħ, żmien li fiħ kulhadd jagħti x-Xewqat Tajba lil kulħadd. Imma naħseb, li kieku dawn ix-Xewqat Tajba jkunu tassew sincieri u ħergin mill-qalb, ma jkunux limitati għaż- żmien tal-Milied biss, imma jtulu għas-sena kollha. Mhux hekk titlob minna l-ħajja nisranija?

Mill-ġdid, il-Milied it-Tajjeb u s-sena t-Tajba lil kulħadd.

***Kan. Dun Guzepp Tabone***

**Għarb Rangers**

Għaddiet sena oħra, u d-diversi *leagues* li l-Għarb Rangers FC u n-Nursery jieħdu sehem fihom diġa jinsabu fi triqthom lejn it-tmiem tal-ewwel rawnd. It-timijiet biċċa sejrin tajjeb u biċċa mhux daqshekk tajjeb!

Nibdew mit-tim tal-kbar. Dan l-istaġun ibbażajna it-tim fuq plejers żagħżagħ mir-raħal bl-għajnuna ta' oħrajn veterani, b'żieda ta' xi plejers minn barra r-raħal. Sa issa ma tantx ksibna riżultati tajba. Dan għadu tim ġdid u għad baqagħlu ħafna fejn jikber. Taħt it-tmexxija għaqlija tal-kowċ il-ġdid, is-Sur Louis Grech, li ngaġġajna dan l-istaġun, il-kumitat jemmen li r-riżultati għad jaslu, basta l-impenn mill-plejers ikun kontinwu u regolari. Ta' min jgħid li kemm il-kowċ, kif ukoll l-plejers huma determinati li jaslu għar-riżultati mixtieqa u bir-relazzjoni ferm tajba li teżisti bejn kowċ u plejers, l-kumitat tassew jemmen f'dan it-tim. Il-kumitat jirringrazzja sinċerament lis-Sur Frank Gauci, li preżentament hu l-kerrej tar-Rangers Bar & Restaurant, li għoġbu jisponsorja *gear* ġdid ferm sabiħ, illi t-tim tal-kbar għadu kif żanżan. Il-kumitat ħaseb illi fis-sitwazzjoni kien jixraq li jagħmel logo ġdid tal-Għarb Rangers FC għal fuq dan il-flokk. Mhux biss, is-Sur Gauci kien strumentali ukoll biex it-tim kiseb *sponsor* ieħor mingħand Abraham's Supplies Ltd biex jagħmel il-basktijiet għall-plejers. Bi sforz kollettiv, il-kumitat jemmen li dan hu l-bidu ta' tim ġdid, fejn bil-plejers żagħżagħ li diġa hemm u oħrajn li fi staġuni futuri jkomplu jiżdiedu ma' din l-iskwadra minn timijit tan-Nursery li illum qed jikżbu riżultati ferm tajba, l-Għarb Rangers FC ikollu futur sabiħ.

Ngħaddu għat-timijiet tan-Nurseries. Kif ħafna jafu, it-timijiet kollha tan-Nursery huma magħmulin minn plejers kemm mill-Għarb, kif ukoll minn San Lawrenz. Dan l-istaġun ġie deċiż li flok tim ta' kategorija tan-Nursery jilgħab taħt l-isem tal-Għarb Rangers FC u ieħor jilgħab taħt l-isem ta St Lawrence Spurs FC, jingħata isem wieħed lit-timijiet tan-Nurseries kollha, jiġifieri Għarb St Lawrence Football Nursery. Sar logo ġdid ukoll u anke qed isiru gerijiet ġodda għal dawn it-timijiet. Ġiet introdotta sistema ta' *head coaching* bit-tlett kowċis kwalifikati, li jaħdmu fid-diversi timijiet rispettivi. Il-kategoriji tat-timijiet tan-Nursery huma l-Under 9, l-Under 11, l-Under 13, l-Under 15 u l-Under 18. Nawguraw lil dawn il-plejers, għax kif semmejna qabel, dawn it-timijiet qegħdin jiksbu riżultati tajba, tant, illi it-tim tal-Under 18 bħalissa jinsab punt wieħed biss taħt it-tim li qiegħed fuq quddiem ta' din il-kategorija. Anke fil-kategoriji l-oħra qed jinkisbu riżultati sodisfaċenti ħafna, b'ħafna tfal u żagħżagħ jippromettu fil-logħba - xi plejers anke qed ikunu magħżula regolarment mal-Gozo FC u jikkompetu fil-*league* Malti.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk li jattendu, nieħdu pjaċir li jkollna aktar *supporters* għal-logħob! Il-plejers jieħdu pjaċir anke bl-inkoraġġiment tal-qraba tagħhom. Bħal dejjem, kull għajnuna kemm finanzjarja u anke fix-xogħol amministrattiv tal-kumitat, tkun ferm apprezzata.

Il-kumitat jieħu din l-okkażjoni biex jawgura lil kulħadd, partikolarment lill-poplu tal-Għarb, speċjalment lill-morda, il-Milied it-Tajjeb u s-Sena d-Dieħla mimlija saħħa, risq u paċi.

***Kumitat Gharb Rangers F.C.***

*Iktar kmieni din is-sena ġie ippreżentat il-logo il-ġdid tal-Għarb Rangers F.C.*




**Proġett ta' Public Private Partnership (PPP) fuq it-toroq tal-Lokalità - *Public Private Partnership on road resurfacing (PPP)***

Fl-edizzjoni tal-'Pjazza' li ġiet ippublikata f'Novembru 2011, il-Kunsill ta' informazzjoni dwar il-ħidma li għaddej minnha dwar il-Proġett ta' Public Private Partnership fuq it-toroq madwar il-lokalità. L-ewwel fażi ta' dawn ix-xogħolijiet inbdiet mill-Pjazza żjara tal-Madonna għal Triq il-Knisja, xogħol li jikkonsisti fil-bdil ta' main ta' l-ilma li issa ġie maqsum fi tnejn u qiegħed għaddej mill-ġenb tat-triq. Din hija sistema ġdida li qegħda tiġi adottata sabiex meta jkun hemm ħsara, ikun evitat li titqatta' t-triq b'hekk it-toroq jinżammu fl-aħjar mod possibli għal itwal żmien.

*In the 'Pjazza' newsletter edition of November 2011 the Council gave information about the ongoing works regarding the road resurfacing PPP project. The first phase started from the Square to Church Street, with works consisting of changing of water mains. Two branches of the water main were passed one from each side of the road, a new policy adopted to help preserve the newly resurfacing roads for a longer period.*

Xogħol ieħor li ser isir fil-Pjazza żjara tal-Madonna jinkludi bankini ġodda u pavimentar fejn il-Pjazza ser tkun qed tingħata wiċċ ġdid bil-pavimentar minflok bit-tarmak. Il-proġett tal-pjazza jaħseb ukoll għal għamara ġdida. Fi Triq il-Knisja apparti l-main ta' l-ilma, ser isir bdil ta' parti mill-bankini u wiċċ ġdid bit-tarmak. Hemm il-ħsieb li ssir għamara tat-triq ġdida anke fi Triq il-Knisja u dan kollu bħala parti mill-proġett ta' tisbiħ ta' ċentru tal-lokalità.

*Works at Gharb Square will also include new pavements, paving of the square with paving material instead of tarmac and new street furniture. At Church Street works will include changing of part of the pavements and resurfacing with tarmac. It is also planned to install new street furniture at Church Street and all this as part of the embellishment of the locality's centre.*

L-ewwel fażi tal-proġett PPP ser tinkludi ukoll Triq Trux. F'din it-triq ser isir main ta' l-ilma ġdid u *storm water culvert* kif ukoll bdil ta' parti mill-bankini f'oħrajn ġodda u wiċċ ġdid bit-tarmak.

*The first phase of the PPP project includes also Trux Street, where a new water main and storm water culvert will be laid. Some of the pavement will be changed into new ones, and finally the street will be resurfaced.*

Toroq oħra li huma inklużi li jsiru fil-proġett tal-Public Private Partnership huma Tumas Cassar, Birbuba, San Dimitri, Dun Alwiġ Mizzi, Sqaq il-Fgura u San Pietru. Dan il-proġett huwa possibbli permezz ta' ftehim li l-Kunsill Lokali l-Għarb laħaq mal-Gvern Ċentrali permezz ta' l-iskema PPP imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsill Lokali. Il-Gvern Ċentrali alloka €222331 lejn dan il-proġett, li huwa stmat li jiswa €444662. Permezz ta' dan il-ftehim il-Gvern Centrali awtorizza lill-Kunsill Lokali l-Għarb li jidħol għall-proġett biex ix-xogħolijiet f'dawn it-toroq jitlestew fuq perjodu ta' sentejn filwaqt li l-ħlas tagħhom ikun qed isir fuq numru ta' snin. Il-Kunsill qed jipprevedi illi l-ħlas fuq dawn it-toroq isir fuq perjodu ta' 3 snin.

*Other roads included in the PPP are Thomas Cassar, Birbuba, San Dimitri, Dun Alwig Mizzi, Sqaq il-Fgura and Saint Peter. This project is being done through an agreement with the Parliamentary Secretariat for Local Councils. The Central Government through the PPP scheme allocated €222331 towards this project, estimated to cost €444662, whereby it authorized the Local Council to enter into a contract with the contractor for works to be carried out on a two year period and the payment for these works is done over a number of years. The Council is estimating that the payment will be done over a three year period.*

## Restawr ta' Niċeċ madwar il-Lokalità - *Restoration of niches*

Iktar kmieni din is-sena l-Kunsill nieda proġett ta' restawr ta' diversi niċeċ madwar il-lokalità. Dan il-proġett kien possibbli wara li l-Kunsill kiseb finanzjament ta' €8000 mill-skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar restawr ta' postijiet storiċi żgħar. In-niċeċ li ġew restawrati wara li sar ftehim mas-sidien rispettivi kienu dawn segwenti:-

*Towards the beginning of this year the Council launched a restoration project on various niches around the locality. This was possible through special funding of €8000 from the Local Councils scheme for restoration of small historical places. The niches where interventions were carried out are the following:*

Niċċa tat-Tlugħ tas-Sema tal-Madonna li tinsab fejn l-awrikarja fi Triq ta' Pinu

*Niche of the Assumption of Our Lady situated at Ta' Pinu Road*

Niċċa tal-Madonna tal-Kunċizzjoni li tinsab fi Triq l-Għarb ftit il-passi bogħod mill-Mużew ta' Karmni Grima

*Niche of the Immaculate Conception situated at Gharb Road near Karmni Grima musuem*

Niċċa ta' Kristu Sultan li tinsab fil-Pjazza żjara tal-Madonna

*Niche of Christ situated at Pjazza Zjara tal-Madonna*

Niċċa ta' San Gużepp li tinsab fil-Pjazza żjara tal-Madonna

*Niche of St Joseph situated at Pjazza Zjara tal-Madonna*

Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq 29 ta' Awissu 1679

*Niche of Our Lady situated at 29th August Street*

Niċċa tal-Madonna tal-Grazzji fi Pjazza Gerano

*Niche of Our Lady situated at Pjazza Gerano*

Niċċa tal-Viżitazzjoni fi Triq Monġur

*Niche of the Visitation situated at Mongur Street*

Niċċa tal-Madonna fil-Parti t'isfel ta' Triq Trux

*Niche of our lady situated at lower Trux Street*

Dawn in-niċeċ kienu fi stat bzonnjuż ferm ta' restawr u permezz ta' dan il-proġett il-Kunsill għamel intervent professjonali fuq dawn in-niċeċ li għen sabiex il-patrimonju storiku tal-lokalità jinżamm fi stat tajjeb.

*This project helped to upkeep and restore the historical patrimony our of locality.*

## Child Care Centre

Iktar kmieni din is-sena l-Ministeru għal Għawdex nieda skema ta' fondi bl-isem Eko-Għawdex. Il-Kunsill Lokali l-Għarb tefa' l-proposta tiegħu fejn irnexxielu jikseb fondi sabiex jiġi ikkrejat ċentru ta' matul il-Jum għat-tfal ġewwa l-lokalità. Il-Kunsill alloka spazju għal dan iċ-Ċentru ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku, propjeta' devoluta lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali, għaliex jemmen fil-ħtieġa u l-importanza ta' din il-faċilità. Fi ftit xhur dan iċ-ċentru tlesta u illum jinsab mgħammar bit-tagħmir kollu meħtieg, lest sabiex jibda' jopera. Fit-twettiq ta' dan il-proġett inżamm il-kunċett Eko-Għawdex u fil-fatt intuża' dawl *eco-friendly*. Fil-preżent il-Kunsill għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex jinstabu persuni kwalifikati u professjonali sabiex imexxu dan iċ-ċentru biex b'hekk iċ-ċentru ikun jista' jibda jopera. Ta' min isemmi illi dan iċ-ċentru ser jiftaħ il-bibien tiegħu għal tfal minn Għawdex kollu. Il-Kunsill ser japplika wkoll sabiex dan iċ-ċentru ikun reġistrat mad-Dipartiment tas-Social Welfare Standards, id-Dipartiment li jikkontrolla dawn is-servizzi ġewwa Malta. B'hekk ikun żgurat illi s-servizz offrut minn dan iċ-ċentru jilħaq l-istandards meħtieġa.

*As a family friendly measure, the Council managed to acquire Eco-Gozo funds to create a child care centre facility within the locality. The Council allocated space for this project within the civic centre, which property is devolved to the l-Gharb Local Council. The Centre is ready to start operating and will be giving its services to children from all over Gozo. At the moment the Council is working to find suitably qualified persons to manage the centre. The Council will apply so that the centre is registered with the Department of Social Welfare Standards, the Authority which controls such services in Malta. This is to ensure that the services offered at the Centre will be up to established standards.*

eko għawdex
għawdex aħjar

Eko-Għawdex- Għawdex Aħjar
*Pjan ta' Azzjoni 2010 - 2012*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.
**www.eco-gozo.com**

## Playing Field

Kif żgur li ħafna minnkom innotaw fi Triq Tumas Cassar ma' ġenb il-ground tal-futbol, saret żona ta' rikreazzjoni fejn tfal u adulti jistgħu jgħaddu ħin tal-mistrieħ.

Minkejja li dan il-proġett ilu fil-pjanijiet tal-Kunsill għal snin twal, il-Kunsill irnexxielu fl-aħħar jikseb il-permessi kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett u kien għalhekk li dan il-post tlesta' fl-aħħar xhur. Illum dan il-proġett sar realta' u fih jinsabu bandli għat-tfal, bankijiet u mwejjed, gazebo kif ukoll pitch għal-logħob tal-boċċi. żgur li dan il-post jista' jitgawda mill-familja kollha u huwa post fejn wieħed jista' jqatta' ħin tal-mistrieħ, 'il bogħod mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum.

F'dan il-post tħawlu ukoll diversi siġar u pjanti li ġew mogħtija mill-Ministeru għal Għawdex sabiex isebbħu l-post u jagħtuh dehra aktar attraenti.

*The Council has created a recreational area for all the family at Thomas Cassar Street near the football ground. One can find children's playing equipment, tables and chairs, gazebo as well as a marbles pitch. The playing field includes also greenery areas where plants and trees were provided by the Ministry for Gozo.*

## Fondi Rurali – Restawr - *Rural funds for restoration*

Fondi oħra li rnexxielu jikseb il-Kunsill Lokali l-Għarb u li jammontaw għal €636,021 kienu fondi għar-restawr ta' diversi monumenti madwar il-lokalità. żgur li ma kienx ikun possibli li jsir dan ir-restawr jekk mhux permezz ta' dawn il-fondi Ewropej miksuba mill-Fond Ewropej għall-Iżvilupp Rurali, Miżura 323. Il-proġett jinkludi interventi ta' restawr fuq is-segwenti:

Is-Salib tal-Pjazza, liema intervent ser jinkludi wkoll studju dwar is-Salib.
Il-Knisja taż-żejt.
Kappella ta' San Dimitri,
Arkata ta' Triq ta' Sdieri
Ħitan tas-sejjieħ f'diversi inħawi madwar il-lokalità.
Ċentru storiku

*Other funds which the Council managed to obtain consist of €636,021 for the restoration of various monuments around the locality. These works would have certainly been out of bounds if not for this EU funding from the Rural Development Fund, Measure 323. The project includes restoration of the following:*

*The village cross situated at Gharb Square where a study will be conducted followed by actual restoration of the cross.*
*Taż-Żejt Chapel*
*San Dimitri Chapel*
*Bridge at Sdieri Street*
*Rubble Walls*
*Historical Centre*

Kif żgur ħafna innutaw, beda ir-Restawr tal-Knisja taż-żejt. Fil-futur qarib mistenni jibda' wkoll ix-xogħol fuq il-kappella ta' San Dimitri li jsewgi bix-xogħol fuq l-interventi l-oħra hawn fuq imsemmija.

*As many of you might have noticed, restoration works at taz-Zejt Chapel have already started and those at San Dimitri are expected to start soon, followed by the other interventions.*

Permezz ta' dan il-proġett il-Kunsill ser ikun qed jgħin fil-preservazzjoni tal-wirt kulturali rurali li jinsab fil-lokalità tagħna u jtejjeb il-potenzjal tal-lokalità f'dak li huwa turiżmu rurali filwaqt illi jtejjeb ukoll il-livell ta' għixien tal-bdiewa u r-residenti in ġenerali permezz ta' titjib fil-ħitan tas-sejjieħ u dehra aktar nadifa u ordnata fil-kampanja ta' madwarna.

*Through this project the Council will be helping to preserve the locality's rural cultural heritage and improve the locality's potential in rural tourism. It will also improve the farmers and residents quality of life through improved rubble walls and a cleaner environment.*

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013

Assi 3 – Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja fiż-Żoni Rurali

Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

L-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

## OBIMED

Kif ġie imħabbar fl-Edizzjoni ta' dan il-magażin tas-sena l-oħra l-Kunsill qed jipparteċipa fi Proġett Ewropew bl-isem 'OBIMED', flimkien ma' partners Maltin u Sqallin. L-iskop ta' dan il-Proġett huwa li jgħin biex jippromwovi turiżmu bejn l-Għarb, Malta u Sciacca, Sqallija. Fost il-miżuri li ser ikunu mplimentati permezz ta' dan il-proġett insibu: *online booking system* biex viżitaturi jkunu jistgħu jibbukkjaw is-servizzi ta' akkomodazzjoni u servizzi oħra relatati mat-turiżmu *online*, pubbliċità u promozzjoni fosthom permezz ta' DVD tal-prodott turistiku li ser ikun jintwera fis-Sali ewlenin ġewwa Sciacca fi Sqallija, *package* ta' vaganzi maqsuma fuq jiem fl-Għarb u f'Sciacca Sqallija. Dan il-proġett għandu jkun ta' benefiċċju għas-settur kummerċjali tal-lokalità.

Il-Kunsill jinsab għaddej bil-proċess ta' evalwazzjoni ta' l-offerti relatati biex wara jkun jistgħu jiġu implimentati id-diversi miżuri. Il-proġett jinvolvi wkoll diversi laqgħat tal-kumitat ta' pilotaġġ li jsiru kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija.

*As published in last year's edition of this magazine, the Council is participating in an EU project named OBIMED together with Maltese and Sicilian partners. The scope of this project is to promote tourism between Gharb, Malta and Sciacca, Sicily. Amongst the measure to be implemented we find: an online booking system so that visitors can book accommodation and other tourism related services online, publicity and promotion amongst which a DVD highlighting our tourist product to be shown in main buildings in Sciacca, Sicily and creation of tourist packages divided in days in Gharb and in Sciacca. The project should be beneficial to the tourism sector of the locality.*

Italia Malta
2007 - 2013

**Out of the Blue – Isles in the MEDiterranean** - Politika ta' Koeżjoni 2007-2013

Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

*Ninvestu fil-Futur Tiegħek*

## Ċentru Ċiviku - *Civic Centre*

Il-Kunsill jinsab għaddej bix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni u tlestija ta' l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku li ser ikun jiġbor fih l-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali, sala għal-laqgħat, librerija, *computer lab*, għassa tal-pulizija u c-*child care centre* fost l-oħrajn. Permezz ta' dan it-titjib fl-istruttura fiżika, il-Kunsill ser ikun jista' joffri servizzi ġodda u titjib fis-servizz eżistenti, biex ir-residenti jinqdew aħjar u jkollhom esperjenza aktar pjaċevoli meta wieħed iżur dan il-post. Fil-pjanijiet tal-Kunsill hemm ukoll it-tieni fażi tal-proġett taċ-Ċentru Civiku li tikkonsisti fil-bini tat-tieni sular li ser ikun iservi ta' hostel/ċentru għall-anzjani. Għalkemm din it-tieni fażi mhux ser tkun qed tiġi implimentata fil-futur immedjat, il-Kunsill ġa beda jinvesti u jippjana għaliha u irnexxielu jikseb fondi sabiex ikun stallat lift ġewwa ċ-ċentru ċiviku biex b'hekk anke it-tieni sular ikun aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kunsill ħadem ukoll fuq it-titjib ta' l-aċċessibilità għaċ-Ċentru Ċiviku u l-iskola fejn sar proġett ta' titjib ta' aċċessibilità permezz ta' rampa u titjib fil-parapett ta' l-iskola. Dan kollu kien possibbli permezz ta' fondi mirbuħa mill-iskema ta' aċċessibilità mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kienu jammontaw għal €9322 u €7000 rispettivament. L-ewwel fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku ser tkun qed issir b'investiment ta' €105,000 permezz ta' self mill-bank, approvat kif titlob il-liġi mill-Gvern Ċentrali, li ser jitħallas lura fuq perjodu ta' 15 il sena b'ri-pagament ta' €10342,80 kull sena.

*Currently the Council is carrying out construction and finishing works of the first phase of the Civic Centre. This will gather the Local Council's administrative offices, a hall, library, computer lab, police station and child care centre amongst others. In the Council's future plans there is also the second phase of the project which will consist of the building of the second floor to serve as a hostel/centre for the elderly. Although this phase will not be implemented in the immediate future, the Council already started planning and investing in it. In fact the Council managed to acquire funds to install a lift so that the second floor will be accessible to all. The Council worked also to improve the accessibility to the Council and the school by means of a ramp and improvements in the school porch. This was possible through special funding from the Local Councils accessibility scheme amounting to €9322 and €7000 respectively. The first phase of the Civic Centre will be carried out through an investment of €105,000 through a bank loan, approved as required by law by the Central Government. The bank loan will be repaid over a period of 15 years at €10342,80 yearly.*



# DOCTOR'S CORNER

# PEPTIC ULCERATION
## Causes and Treatment

By **Dr Mario Stellini** MD, FRCP(Ed), FRCSEd(A&E), DIMC
*Specialist in Gastroenterology and Internal Medicine*

A peptic ulcer is a hole in the gut surface lining of the upper part of the intestinal tract. It may occur within the food pipe or oesophagus, the stomach itself or within the first part of the small intestine (duodenum). Peptic ulcers occur when the surface lining or mucosa gets corroded by the action of acid and digestive juices produced by the stomach.

Peptic ulcers are very common. Contrary to common belief, duodenal ulcers are far more common the stomach ulcers.

All normal stomachs secrete acid and digestive enzymes. It is only when the natural defenses of the organ's linings breakdown that an ulcer will occur. For many years, excess acid was believed to be the major cause of ulcer disease. Treatment therefore emphasisedneutralising and inhibiting the secretion of stomach acid.

**INFECTION**

A major breakthrough in the understanding of peptic ulceration occurred in 1982. In this year the bacterium *Helicobacter pylori*was discovered by Marshall and Warren, and it was established that this bacterium caused most of the ulcers found within the stomach and duodenum. Marshall and Warren were awarded the Nobel Prize in Medicine for their discovery in 2005.

It is now firmly established that *Helicobacter pylori* causes more than 90% of duodenal ulcers and up to 80% of stomach ulcers. Treatment of these types of ulcers now emphasize the eradication of this infection rather than simple anti acid therapy.

The importance of this infection grew further when it was discovered that this bacterium is one of the major causes of stomach cancer.

**MEDICATION**

Medication, especially drugs containing NSAIDS (non steroidalanti inflammatory drugs), are responsible for most of the remaining stomach and duodenal ulcers. Common drugs within this class include aspirin, ibuprofen and diclofenac. Many of these drugs are used for pain relief and they tend to be used more often by the elderly suffering from arthritis. These patients are at an especially high risk of developing ulcers.

Even the tiny doses of aspirin used to treat heart disease can cause ulceration and the fact that the aspirin is "enteric coated" is no guarantee that they will not cause ulceration.

**SMOKING**

Cigarette smoking not only causes ulcer formation, but also increases the risk of ulcer complications such as ulcer bleeding, stomach obstruction and perforation. Cigarette smoking is also a leading cause of ulcer medication treatment failure.

**REFLUX**

Oesophageal, or food pipe ulceration, has different causes or pathology from ulceration elsewhere. They are caused by the excessive exposure of the lower end of the oesophagus to acid. This occurs in patients who suffer from acid reflux and the causes for this reflux can be complex and multiple. The acid initially causes simple inflammation at the junction between the stomach and the oesophagus but if prolonged and severe enough it eventually results in ulceration.

**FOOD AND STRESS**

Contrary to popular belief, alcohol, coffee, colas, spicy foods, and caffeine have no proven role in ulcer formation. Stress, especially stress caused by severe illness can result in "stress ulceration".



**DIAGNOSIS AND SYMPTOMS**




Peptic ulcers can occur may occur within the food pipe or oesophagus, the stomach itself or within the first part of the small intestine (duodenum). The symptoms often are not very helpful in establishing the location of the ulcer and in fact ulcers within the duodenum, oesophagus and stomach may produce very similar complaints. Diagnosis is usually made during gastroscopy

Whilst most people think that having an ulcer is a very painful experience, many ulcer patients experience minimal indigestion or no discomfort at all. The ulcer in these patients is often discovered when tests are done to establish the cause of complications of ulceration such as anaemia.

When symptoms do occur they usually manifest as pain in the upper abdomen. This pain is often interpreted as heartburn, indigestion or hunger. In some individuals the pain occurs immediately after eating whilst in others, the pain may not occur until hours after eating. The symptoms frequently awakens the person at night. This pain may radiate to the back or the chest and sometimes may be confused with pain arising from the heart.

Nausea and vomiting may also occur and some patients experience a loss of appetite with weight loss.

**COMPLICATIONS**

Whilst most peptic ulcers are simple and do not give rise to complications, in other cases these complications may occur.

If the ulcer is deep enough, it may erode right through the wall of the stomach or duodenum and cause an intra abdominal perforation. This complication is catastrophic. It usually presents with the sudden onset of severe diffuse abdominal pain because of the severe inflammation caused by the acid contents of the stomach on the abdominal wall lining (peritonitis). Emergency surgery is usually required to close the perforation.

The ulcer may also erode into blood vessels and result in bleeding which may be minor or severe. Blood from ulceration often presents as black tarry stools and may be the first sign that an ulcer is present. If the bleed is minor but prolonged, the patient may present with anaemia. He or she may look pale, feel weak and get short of breath on mild exercise.

Minor bleeding can usually be controlled with medication but a severe bleed needs intervention. This may be in the form of endoscopic intervention wherein the ulcer is either cauterized or injected or clipped via a gastroscope which is inserted through the mouth. If the bleeding cannot be stopped with this sort of procedure, open surgery may be required. Cancer may be present in stomach ulcers especially if those ulcers are associated with H*elicobacter pylori* infections. That is why these ulcers need to be followed up carefully with repeated gastroscopies and biopsies until healing is ensured.

**TREATMENT**

Treatment of peptic ulceration today usually means treatment of the cause followed by strong acid production inhibition.

Infection with *Helicobacter pylori* is identified and treated usually with a combination of two antibiotics and a proton pump inhibitor.

Proton pump inhibitors are drugs that prevent the production of acid within the stomach. They include drugs such as rabeprazole and esomeprazole. They are very powerful with few side effects and are very effective in healing peptic ulcers.

# Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali tiegħek

## *Għamel użu minnhom...*

Il-Kunsill Lokali l-Għarb joffri għadd ta' servizzi għall-pubbliku in ġenerali b'mod partikolari għar-residenti tal-Għarb. L-Uffiċju tal-Kunsill ikun fil-fatt miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8am u l-4pm u nhar ta' Sibt bejn it-8am u l-11.30pm.

Ir-residenti huma mistiedna sabiex jgħaddu l-ilmenti / suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill billi jirrikorru l-uffiċju jew iċemplu fuq 21560556 jew permezz ta' l-email fuq gharb.lc@gov.mt. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jgħin lir-residenti fejn hu possibli u bl-aħjar mod possibli.

Apparti dan, il-Kunsill joffri ukoll għadd ta' servizzi oħra fosthom dawn segwenti:

• Servizz ta' **Librerija Pubblika** fejn kull resident qed jiġi mistieden jasal wasla sal-librerija li tinsab ġewwa l-Kunsill Lokali u jissellef kotba tal-qari. Meta wieħed jissieħeb ma' din il-librerija ikun jista' jsib għadd ta' kotba li jvarjaw minn kotba tat-tfal sa kotba għall-adulti. żgur li wieħed isib ktieb / kotba ta' interess ghalih.

• Servizz ta' **Internet** li huwa miftuħ għall-pubbliku in ġenerali. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas. Is-sistema hija wireless u ghalhekk tippermetti wkoll li min ikollu l-laptop / mobile tiegħu ikun jista' jaċċedi ukoll għal dan l-interenet b'xejn.

• Servizz ta' **Ġbir ta' Skart Domestiku u Skart għar-Reċiklaġġ** li jiġi offrut skond l-iskeda segwenti:-
**Minn Lulju sa Settembru:** It-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa - Ġbir ta' skart normali u jibda' fis-7.30am. Is-Sibt - Ġbir ta' Skart normali u jibda' fin-12.30pm. It-Tlieta – Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ u jibda' fit-7.30am.
**Minn Ottubru sa Ġunju:** It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa – Ġbir ta' skart normali u jibda' fis-7.30am. Is-Sibt – Ġbir ta' skart normali u jibda' fin-12.30pm. It-Tlieta – Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ u jibda' fis-7.30am.

Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar is-sistema' tal-ġbir fejn huwa importanti li meta noħorgu l-iskart, dan inħalluh wara l-bieb tad-dar tagħha u f'ebda post ieħor. Min ikollu xi problema dwar il-ġbir ta' l-iskart huwa ġentilment mitlub sabiex jirrikorri jew iċempel lill-Kunsill u jispjega l-problema tiegħu.

• Servizz ta' **Reċiklaġġ** offrut 24 siegħa kuljum. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti kollha jipparteċipaw fis-sistemi tar-reċiklaġġ li għandna disponibbli fil-ġurnata tal-lum. Apparti l-ġbir ta' kull nhar ta' Tlieta bieb bieb, il-Kunsill għandu ukoll bins għar-reċiklaġġ tal-karti, metal, plastic u ħġieġ li jinsabu fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta' l-Iskola Primarja kif ukoll bin ieħor żgħir għall-ġbir ta' batteries li jinsab ġewwa l-Uffiċju tal-Kunsill. Huwa importanti li kull wieħed u waħda minnha ngħinu lill-Ambjent ta' madwarna billi nagħtu s-sehem tagħna f'dawn l-inizjattivi.

• Servizz ta' **Open Skip** liema servizz qiegħed jiġi offrut mill-Kunsill Lokali kull nhar ta' Sibt. Dan is-servizz huwa miftuħ għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jarmu l-iskart goff tagħhom ġewwa fih. Is-servizz jingħata kull nhar ta' Sibt bejn 9.00am u l-10.30am fi Triq Tumas Cassar u bejn l-10.30am u l-11.00am fi Pjazza San Pietru.

• Barra minn dan is-servizz, il-Kunsill joffri ukoll servizz ta' **Ġbir ta' Skart Goff**. Min ikollu xi skart goff li jrid li jintrema jista' iċempel lill-Kunsill u jordna dan is-servizz fejn trakk apposta mid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika jiġi d-dar u jiġbor l-iskart. Ta' min jinnota li l-iskart tal-ġnien ma jinġabarx permezz ta' dan is-servizz.

• Kenniesa min-naħa tad-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika joffru ukoll servizz ta' **knis** ġewwa t-toroq madwar il-lokalità. Dan is-servizz jiġi offrut sabiex jgħin iktar u jinżamm ir-raħal nadif.

• Il-Kunsill jaċċetta ukoll **Ħlasijiet** ta' diversi servizzi fosthom ħlas ta' liċenzji tal-ħwienet, ħlas tal-multi, ħlas ta' raba' tal-Gvern u ħlas ta' permessi.

• Servizz ieħor offrut mill-Kunsill huwa l-**Manutenzjoni ta' dawl tat-toroq**. Dan is-servizz jinkludi fih id-dwal tat-toroq li huma imwaħħlin mal-hajt u li l-manutenzjoni taghhom issir minn kuntrattur privat. Id-dawl l-ieħor tat-triq li huma bozoz imwaħħla ma' arbli, dawn jieħdu ħsiebhom l-Enemalta. Ir-residenti xorta waħda huma imħeġġa sabiex kull rapport isir il-Kunsill Lokali u fejn hu possibli għandu jiġi innotata ukoll in-numru li jkun hemm imwaħħal mal-bozza. Kull bozza għandha fil-fatt numru għaliha u sabiex ma jkunx hemm diffikultajiet huwa importanti li r-rapport tal-ħsara issir permezz ta' dan in-numru.

• Servizz għall-Anzjani Residenti huwa servizz ta' **Ċentru ta' Matul il-Jum**. L-Anzjani tal-Lokalità huma kollha mistiedna sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz fejn kull nhar ta' Tnejn bus apposta tiġi tiġbor lill-Anzjani u teħodhom ġewwa dan iċ-Ċentru f'Għajnsielem fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin b'attivitajiet organizzati apposta għalihom.

# Services offered by the Local Council

*Make use of these services…*

The l-Għarb Local Council offers a variety of services for the general public in particular to the Għarb Residents. The Council's offices are open from Monday to Friday between 8am and 4pm and on Saturday's between 8am and 11.30pm.

The residents are invited to present their complaints / suggestions to the Council either by calling personally or by phone on 21560556 or email on gharb.lc@gov.mt. The Council takes care in doing everything possible to help the residents when and in the best possible way.

Apart from this the Council also offers another services as follows:-

• Service of **Public Library** where every resident is welcome to call at the library which is located within the Local Council and borrow books. When one becomes member of the library, he/she can choose from a number of books available which vary from children's books to adult books.

• **Internet** Service which is open to the general public. This service is being offered free of charge by means of three computers. Since that the internet is offered through a wireless modem residents can also bring their laptop/mobile phone and connect for free to this internet.

• **Refuse Collection Service** is offered as per below schedule:-
**From October to June:** Monday, Wednesday and Friday – Collection of Normal Refuse starting at 7.30am. Saturday – Collection of Normal Refuse starting at 12.30pm. Tuesday – Collection of Normal Refuse starting at 7.30am.

The Council would like to request the resident's attention that refuse is to be left in front of the resident's household. Resident's who incur any problems are kindly requested to contact the Council and explain the situation.

• The Council also offers **Recycled Refuse** Service 24 hours a day through bins which are located near the school gate. These bins are for glass, metal, plastic and papers. Another small bin for the recycling of batteries is found at the Council's offices. It is important that all residents participate and give their contribution towards this ecological initiative.

• **Open Skip** service is offered to the public every Saturday between 9.00am and 10.30am at Tumas Cassar Street and from 10.30am to 11.00am at St.



Peter Square. All residents who have any kind of bulky refuse can make use of this service.

• Apart from this service another related service is that of **Bulky Refuse** Service. Residents who need this service are kindly requested to contact the Council to order this service. A truck from the Public Cleansing Section will call at the resident's house to collect the bulk refuse. It is important to note that Garden material is not collected through this service.

• **Street Sweeping** is another service carried out by employees from the Public Cleansing Section who take care in sweeping the streets around the locality in order to keep the locality as clean as possible.

• The Council also accepts **Payments** for various services such as Shop Licenses, Contraventions, Government Land Rent and issuing of various permits.

Another service offered by the Council is that of **Street Lighting Maintenance**. A private contractor is responsible for the maintenance of all lights fixed to houses. The other street lighting such as lamps fixed to poles are maintained by the Enemalta Corporation. In both cases the residents are kindly requested to contact the Council and give details about the burnt lamps or intermittent lamps. It is advised that where possible, residents take note of the lamp number fixed to every lamp so that the report is as accurate as possible.

Another services offered by the Council this time for the Elderly residents is that of a **Day Centre.** The Elderly residents are invited to make use of this service. Every Monday a special bus collects the Elderly to take them to the Day Centre where activities are organized for them.

# Ġimgħa Missjunarja



**Ester Mizzi**

Hekk se nibqa' niftakarha din il-ġimgħa tal-Festa tal-Vitorja li ħabtet il-Ħamis, 8 ta' Settembru li għadda.

Nhar it-Tlieta, jumejn qabel il-festa, ilqajt f'dari lil Bro. Carmelo Muscat S.D.B. u lil oħtu Govanna, mill-Mosta. Dan jgħix fil-Missjoni ta' D. Karm Attard f'Meghalaya Indja. Damu hawn jumejn u Dun Salv Grima ħadhom iżuru lil xi benefatturi minn Nadur.

Stajt nibgħat ma Bro. Muscat xi rigali żgħar għax f'Meghalaya hemm tifla orfni li jien kont addottajt meta kellha 3 snin. Illum għandha xi 17 il-sena, jisimha Sweety Suting u għadha tistudja, għax brava ħafna. Jien kont parrina tagħha fil-Griżma.

Hemm tifla oħra, jisimha Ester Banylla li jien kont il-parrina tagħha fil-magħmudija. Ma sibtx ritratt.

L-għada tal-Vitorja, ġie għandi Fr.Joseph Cilia S.D.B. mill-istess Missjoni ta' Dun Karm. Ilqajtu bil-ferħ, billi ilni nafu ħafna. Kemm hu u kemm Bro. Muscat huma l-frott tal-ħegga Missjunarja tal-maħbub Dun Karm Attard S.D.B. u bħalu baqgħu jgħixu fil-Missjoni tal-Meghalaya Indja.

Il-Ġimgħa kelli x-xorti niġi l-Għarb għall-quddiesa ta' Dun Alex Cauchi. Dan għallimtu meta kien żgħir u żgur li qatt ma ninsih. Bħalissa hemm il-ġenituri tiegħu fil-Brażil ukoll. Mort magħhom bix-xewqa.



Sweety Suting - it-tifla Indjana li jien addottajt meta kellha 3 snin u kienu jrabbuha s-sorijiet għax hija orfni.

Is-Sibt filgħodu ġie għandi Dun Ġuzepp Camilleri mix-Xewkija li qiegħed il-Gwatemala fl-Amerka t'Isfel. Fraħt tassew bih għax bħalma Dun Karm ħabbejtu qisu missieri, Dun Guzepp qisu ħija li qatt ma rajt għax twieled ħafna qabli u miet ta' seba' snin. Kien jismu Ġuzeppi wkoll.



Sweety Suting li llum għandha madwar 18 il-sena.

Qalli, 'Ejja miegħi l-Gwatemala'. Nixtieq ħafna kieku imma issa 'too late'. Inkun dejjem miegħu fit-talb u xi għajnuna materjali kif nista'.

Hekk għaddejt kważi ġimgħa ma' l-għeziez ħbiebi l-Missjunarji, Issa, nista biss nitlob għalihom.

Hekk ukoll nixtieq li tagħmlu nthom li se taqraw dan l-artiklu. Ktibtu biss b'din l-intenzjoni u bix-xewqa li xi nies (żagħżagħ) ġeneruzi jitħajru jagħmlu Eperjenza Missjunarja. żgur tkun l-isbaħ avventura ta' ħajjithom li qatt ma jinsewha. Nistgħu ngħinu wkoll bit-talb u anke materjalment, bil-flus.

Dio cammina dove cammina la carita. *Alla jimxi fejn timxi l-imħabba.*

God gives us joy, that, we might offer.
He gives us love that we may share.
Sometimes He gives us loads to lift
That, we may learn to bear.

For life is gladder when we give,
And love is sweeter when we split.
As heavy loads rest lightly, too,
When we have learnt to bear.




**JANNAR 2011:**

Fit-3 ta' Jannar saret ġita għal Malta fejn il-parteċipanti kellhom l-opportunità iżuru l-monti tal-Mosta u l-palazz tal-President.

*A cultural outing to Malta was held where the participants had the opportunity to visit the President's palace and the open market in Mosta.*

Fis-6 ta' Jannar il-Kunsill flimkien mal-parroċċa organizza attività għat-tfal għal-żmien il-Milied fejn tqassmu rigali lit-tfal kif ukoll premjijiet lil dawk li ħadu sehem fil-kompetizzjonijiet tal-presepji u tiżjin tat-twieqi tal-Milied organizzati mill-Kunsill.

*The L-Għarb Local Council in collaboration with the Għarb Parish organized a Christmas social activity for children. Christmas competition prizes were given during the event.*

Jannar 2011 – Fuq nominazzjoni mill-Kunsill tal-Għarb il-Familja Attard mill-Għarb ingħatat il-Premju Familja Qalb tad-Deheb miċ-ċentru ta' Kana.

*Family Attard from Għarb nominated by the l-Għarb Local Council was awarded Premju Qalb tad-Deheb at ta' Kana center.*




Bħala parti minn inizjattiva mir-Reġjun ta' Għawdex il-Kunsill qassam xfafar Gilette lil-persuni maskili ta' l-Għarb.

*L-Għarb Local Council distributed Gilette blades to all the masculine residents living in Għarb as part of an initiative from the Region of Gozo.*

**FRAR 2011:**

Il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Green Mt qassam boroż griżi lil kull familja sabiex jintużaw għas-separazzjonijiet ta' l-iskart.

*With the calloboration of Green Mt l-Għarb Local Council distributed recycling bags to all the families in the locality.*

L-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr Chris Said ippreżenta Premju lis-Sindku tal-Kunsill Lokali l-Għarb David Apap bħala wieħed mir-Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali ta' Appoġġ lill-Intrapriża.

*The Parliamentary Secretary Hon Dr Chris Said presented the Mayor David Apap with the National Enterprize Award as one of the winners of this scheme.*



**MARZU 2011:**

Fuq talba tar-residenti, il-Kunsill reġa' organizza sessjonijiet tal-fitness maqsuma fi klassijiet ta' l-'aerobics' kif ukoll 'pilates'.

*The council re-organized fitness sessions on the request of the residents.*

Fit-3 ta' Marzu, il-Kunsill organizza serata tal-Karnival bi spettaklu mill-isbaħ ta' żfin, kompetizzjonijiet u ħafna aktar minn gruppi Għawdxin u Maltin.



*A Carnival soiree was organized at Pjazza Żjara tal-Madonna where various dancing companies where invited to give their performance.*

Fit-23 ta' Marzu, fl-okkazjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Iskola Primarja Karmni Grima inzammet Infiorata specjali bil-partecipazzjoni tal-isudenti.

*On the occasion of the 50th anniversary of the opening of Għarb Primary school, a small scale special edition of the Infiorata was held for this occasion with the participation of the students.*



**APRIL 2011:**

Seħer il-Punent 2011 inżamm bejn l-1 u 3 ta' April. Il-festival infetaħ permezz ta' l-ikla tradizzjonali fil-pjazza tar-raħal. L-attrazzjoni principali din is-sena kienet serata ta' divertiment mill-cast tad-Deċeduti. Fil-ġurnata tal-Ħadd reġgħet ittellgħet l-attività ta' l-akbar ġbejna, wirja ta' muturi, kif ukoll sar it-tieġ tradizzjonali Malti mill-grupp folkloristiku ta' l-Awrora. Reġgħet ġiet organizzata wkoll il-logħba tat-tug of war b'parteċipazzjoni minn diversi timijiet fosthom anke tim Taljan mill-Federazzjoni Taljana tat-tug of war.

*Seħer il-Punent 2011 was held between the 1st and 3rd April. The festival was opened by a traditional meal held at the main square. The main attractions of the festival included the performance of the 'Deceduti' cast. On Sunday, the 'Largest Gbejna' activity was held once again together with a motorcycles exhibition and the traditional Maltese wedding held by the Aurora Folk Group. The Tug of War was organised with the participation of various teams including also an Italian Team from the Tug of War Italian Federation.*















Fl-10 ta' April inżamm kunċert tal-Għid fil-knisja Bażilika ta l-Għarb bħala parti mil-Gaulitana Festival. Ħadu sehem is-'Sacred Brass' – Fourtissimo Brass t'Għawdex preżentat mil-Gaulitana Choir flimkien mad-direttur artistiku Colin Attard.

*On the 10th of April a concert was held at the Għarb Church Basilica as part of the Gaulitana Festival. The Sacred Brass – Fortissimo Gozo Brass took part in the concert under the direction of Director Colin Attard.*

Fl-24 ta' April, nhar il-Ghid il-Kbir, il-Kunsill qassam bajd ta' l-Għid lit-tfal tar-raħal.

*On the 24th April, Easter Sunday, the Council distributed Easter Eggs to the locality children.*

30ta' April - 7ta' Mejju 2011: Il-Kunsill Lokali l-Għarb f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Għajnsielem ipparteċipa fi proġett Ewropew dwar turiżmu reliġjuż ġewwa Erchie fl-Italja flimkien ma numru sabiħ ta' residenti mill-Għarb u minn Għajnsielem. Il-grupp kellu l-opportunità jitgħallem dwar il-kultura ta' dan il-post u jżur diversi postijiet ta' interess.

*30th April – 7th May 2011 – The l-Għarb Local Council with the Collaboration of Ghajnsielem Local Council participated into a EU Project on Religious Tourism held at Erchie, Italy together with a group of residents from l-Għarb and Ghajnsielem. The Group also had to opportunity to learn more about the cultural aspect of the place and to visit various places of interest.*



**MEJJU 2011:**

Fil-5 ta' Mejju il-Kunsill ħejja kors tal-first aid għall-adulti.

*On the 5th May, the Council started a first-aid course for adults.*

Bħala parti mill-proġett ta' studju dwar pjan ta' azzjoni sostenibbli għal-lokalità inżammu sensiela ta' laqgħat ta' konsultazzjoni ma diversi setturi tal-lokalità. Fl-10 ta' Mejju sar seminar għall-istudenti tal-Year 4,5,6 flimkien mal-ġenituri tagħhom dwar pjan ta' azzjoni għal-lokalità sostanibbli.

*Meetings were held as part of a project regarding a*

*plan of action for a sustainable locality with different sectors from the locality. On the 10th May a Seminar was held for students attending years 4, 5, 6 together with their parents regarding an action plan for a sustainable locality.*

Fit-3 u fl-4 ta Ġunju saru żewġ seminars għall-bdiewa u għan-negozjanti fl-Għarb rispettivament. Dawk li kienu preżenti qasmu il-proposti u l-ħsibijiet tagħhom dwar is-suġġett kif ukoll ġiet evalwata s-sitwazzjonti preżenti fil-lokalità u l-pjan għall-futur.

*On the 3rd and 4th of June, two seminars were held with farmers and businessman from Għarb. Those present for the seminars shared their suggestions on the subject and the present situation in the locality was evaluated for a better plan for the future.*

**ĠUNJU 2011:**

Il-Kunsill Lokali l-Għarb b'kollaborazzjoni mal-'Europe Direct' ippreżenta trażmissjoni diretta fuq 'big screen' tal-Opera Tosca ta' Giacomo Puccini's nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju fil-Pjazza Żjara tal-Madonna. L-Opera kienet qed tittella live ġewwa il-Palau de les Arts Reina Sofia Valencia, fi Spanja bħala kommemorazzjoni tas-Sena Ewropea tal-volontarjat. Attendew għal din l-attività numru sabiħ ta' nies mil-lokalità kif ukoll turisti u barranin.

*The l-Għarb Local Council in collaboration with Europe Direct presented a live transmission on Big Screen of the Opera Tosca by Gioacomo Puccini on Monday 13th Jane at the Għarb Main. The opera was being held live at the Palau de les Arts Reina Sofia Valencia, Spain to mark the European Year of Volunteering. A good number of residents and tourists attended the event.*



Matul is-sena saru diversi korsijiet tal-liċenzja tal-baħar fejn kien hemm numru kbir ta' persuni li attendew u kisbu din il-liċenzja.

*During the year, various nautical courses were held where a large number of persons attended and obtained their boat license.*

**LULJU 2011:**

Il-Ħadd 2 ta' Lulju saret l-infiorata fuq iz-zuntier tal-Knisja fl-okkażjoni tal-Festa Viżitazzjoni.

*On Sunday 2nd July, the Infiorata was held once again on the Church Parvis on the occasion of the village feast.*



Fis-6 ta' Lulju ġew grupp ta' Anzjani minn Ħaż-Zabbar iżuruna ġewwa l-Kunsill tal-Għarb.

*On the 6th July a group of elderly from Haz-Zabbar visited the Council.*

Il-Kunsill Lokali l-Għarb rebaħ il-Premju Destinazzjoni Ewropea ta' Eċċellenza (EDEN), Premju imniedi mill-Kummissjoni Ewropea u mogħti mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Dan il-Premju ġie mħabbar waqt konferenza ta' l-aħbarijiet li saret nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju fil-Pjazza Żjara tal-Madonna.

*The L-Għarb Local Council won the European Destinations of Excellences (EDEN) award. This award was set up by the European Union and presented by the Malta Tourism Authority. This award was announced during a press conference held on Thursday 7th July at the Pjazza Żjara tal-Madonna.*





**AWISSU 2011:**
Il-Kunsill organizza korsijiet għal-matul is-sajf fosthom fl-arti u t-tisjir fejn kien hemm numru ta' adulti u tfal li attendew.

*The Council organised various courses during the Summer season including art and cookery where a number of adults and children partecipated.*

Il-Kunsill iċċelebra Jum l-Għarb fid-29 ta'Awissu. Saret quddiesa ta' ringrazzjament ġewwa l-Knisja Bażilika tal-Għarb u wara saret serata kulturali fil-pjazza tar-raħal li matulha tqassmu diversi premjijiet u ċertifikati.

*The Council celebrated Għarb Day on the 29th August. A thanksgiving mass was held at the Għarb Church Basilica followed by a cultural evening at the Għarb Main Square. During the evening various awards and certificates were presented.*










**SETTEMBRU 2011:**

27-28 ta' Settembru: Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Emanuel Muscat attendew ghall-avvenimenti EDEN organizzati mid-DG Enterprise & Industry tal-Unjoni Ewropea gewwa Brussels. Waqt din iz-zjara gie ipprezentat l-Eden Award lil lokalitajiet rebbieha fosthom l-Għarb, kif ukoll saret esebizzjoni ta' prodotti tal-pajjizi rebbieha.

*27-28 September: The Mayor together with Councillor Emanuel Muscat attended the EDEN Event organised by the DG Enterprise and Industry within the European Union in Brussels. During this event the Eden Award was presented to various localities amongst them the l-Għarb Local Council. An exhibition of various typical products coming from each locality was also held.*



**OTTUBRU 2011:**

Reġa' beda is-servizz tat-transport għall-istudenti li jattendu l-iskejjel sekondarji.

*The students attending the secondary school were once again offered transport services.*

3 ta' Ottubru : Il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza ħarġa kulturali għal Malta. Waqt il-ħarga numru sabiħ ta' residenti ta' diversi etajiet għamlu żjara lil Kunsill Lokali taz-Zabbar bi skambju għaż-żjara ta' residenti minn Ħaż-Zabbar aktar kmieni din is-sena.



*3rd October: The l-Għarb Local Council organised a social cultural activity in Malta. During the activity, the residents were hosted by the Zabbar Local Council as an exchange to the visit of Zabbar residents to Għarb held in July.*

11 ta' Ottubru: Is-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali l-Onorevoli Dr Chris Said, żar il-Kunsill u l-proġetti li qed jitwettqu fosthom it-titjib fl-aċċessibilità għall-Kunsill u l-playing field fi Triq Tumas Cassar.

*11th October: The Parliamentary Secretary, Hon Dr Chris Said, visited the Council and the projects which were being held amongst other the accessibility project at the Council and the Playing Field Project at Tumas Cassar Street.*

19 ta' Ottubru : Reġgħu bdew il-korsijiet tal-fitness wara waqfa għas-sajf. Numru sabiħ ta' residenti ta' etajiet varji qed ikunu involuti f'attività fiżika permezz ta' dawn il-klassijiet.

*19th October: The fitness Courses started again after the summer period involving a number of residents from different age groups in physical activity .*

**NOVEMBRU 2011:**

Fl-1 ta' Novembru l-Kunsill organizza attività soċjali tal-halloween għat-tfal tal-primarja. Waqt l-attività it-tfal lebsin kostumi tal-okkazjoni intwerew film u ingħataw tifkira filwaqt li esebew il-qara ħamra provduta mill-Kunsill u mżejna minnhom stess.





*On the 1st November, the Council organised a Halloween Activity for the primary school children. The children were invited to dress up in costumes and decorate a pumpkin which were then exhibited during the activity.*

Fid-9 ta' Novembru il-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Giovanna Debono għamlet żjara fiċ-'Child Care Centre', proġett b'fondi Eko-Għawdex.

*On the 9th November, the Ministry for Gozo, Hon. Giovanna Debono visited the Child Care Centre Project which was carried out by Eco-Gozo Funds.*

27-29 ta' Novembru is-Sindku flimkien ma Sindki ohra attenda ghal-konferenza tas-Sindki gewwa Brussels li matulha sar ukoll l-iffirmar tal-Patt tas-Sindki.

*27-29th November, the Mayor together with other Mayors attended to a Conference for Mayors held in*



*Brussels during which the Covenant of Mayors was signed.*

**DIĊEMBRU 2011:**

5 ta' Diċembru ġiet amministrata il-labra tal-influwenza lil numru ta' persuni ġewwa l-berġa tal-lokalità.

*5th December, the Council administered the Flu Vaccine to a number of residents at the Għarb Health Centre.*

20 ta' Dicembru, il-Kunsill organizza attività ta' tizjin tas-sigra tal-Milied lit-tfal tal-iskola primarja.

20th December, the Council organized a Christmas tree decorating event for the primary school children. Decorations created by other European school children were used to decorate the tree.

## L-Akbar Rigal



Ta' kull sena, hekk kif tasal
din il-festa tal-Milied,
bla ma rrid il-pinna naqbad
u niġri b'tiegħi l-ħsieb

lejn dak l-għar ċkejken ta' Betlem
fejn kien twieled il-Bambin
illi f'kesħa xxoqq il-għadam
ried li jifdi lill-bnedmin.

Għalkemm tgerbu elfejn sena,
din il-ġrajja ma nsejniex,
iżda 'l qalbna għadha tfawwar
b'ferħ u hena ta' bla qies!

Għalkemm fil-bard u fir-reżħa,
niesna tibda tħalli d-dar
sabiex tixtri r-rigali
kemm għall-kbar u kemm liż-żgħar.

L-ikbar rigal jibqa', ħuti,
diċ-ċkejkna ħelwa tarbija;
ejjew nifhmu li mingħajrha
tisparixxi l-armonija!

Jekk tiġi Inti mwarrab
żgur tirrenja l-anarkija;
ifeġġ l-hemm, in-niket, gwerer,
addio hena u tgawdija.

Dal-Milied, o Bambin ħelu,
idħol għammar fid-djar magħna,
oħroġ minn ġo dik il-grotta
w ibni bejtek fil-qlub tagħna.

O li kien id-dinja tifhem
kemm fil-ħajja neħtiġuk,
kieku żgur ir-rotta tibdel
u le nibqgħu nwarrbuk!

F'dan iż-żmien, Ġesù, immela
lill-popli ressaq flimkien
biex fil-proxxmu jaraw lilek,
hekk ikollna paċi w sliem.

Jalla dawna l-ingredjenti
jimburġaw qalb il-bnedmin;
b'hekk id-dinja żgur tgħix hienja
la tgħożż lil Ġesù Bambin.

***Kav. Joe M. Attard***
Victoria, Għawdex

# Il-Kolera tal-1865 fl-Għarb

**Joseph Galea** MD FRCS(CTh)

Fil-bidu tas-seklu dsatax ftit wara li l-Ingliżi bdew jaħkmu l-gżejjer Maltin tfaċċat fostna l-marda qerrieda tal-pesta (1813-1814)[1]. Għawdex għall-ewwel ħelisha għaliex il-gvernatur Thomas Maitland kien għamel għassa stretta biex ħadd ma jaqsam bejn Malta u Għawdex[2]. Kif il-pesta bdiet tbatti f'Malta r-restrizzjonijiet tat-tbaħħir bejn il-gżejjer bdew jillaxkaw u xi nies bdew jitħallew jaqsmu. Anġlu Galea mix-Xagħra li kien jaħdem Malta irritorna Għawdex f'dan iż-żmien b'kaxxa mimlija ħwejjeg li kien ħeba waqt il-pesta f'Malta u miet ftit jiem wara fit-18 ta Frar 1814[3]. Għaxar t'ijiem wara mietet bintu u fit-2 ta' Marzu l-pesta qerdet lid-deffien li kien difnu. Il-Gvernatur ġie mgħarraf li dawn kienu mietu bil-pesta u ordna li tieqaf il-komunikazzjoni bejn iż-żewġ gżejjer u iżola x-Xagħra mil-bqija t'Għawdex billi għamel żewġ kurduni ta' suldati li dawwru l-għolja tax-Xagħra biex ma jħallu lil-ħadd joħroġ jew jidħol fir-raħal. B'dan il-mod il-pesta baqgħet fix-Xagħra biss fejn mietu 104 persuna. Tnejn minn dawn kienu ġew maqtula mil-forzi tal-ordni; wieħed instab jiġri mat-toroq tar-raħal f'delirju ta' mard u spara fuqu pulizija u l-ieħor gie iffuċċillat għax ipprova jaħbi li kien marid bil-pesta. It-tabib li kien jieħu ħsieb il-morda fl-isptar tal-pesta ukoll miet b'dil-marda[4].

Fis-seklu dsatax Malta u Għawdex raw l-imxija tal-kolera ħafna drabi. Imxijiet kbar ġraw fl-1837, 1850 u fl-1865 u epidemiji iżgħar żaru l-gżejjer Maltin fl-1848, 1854, 1856,1867 u 1887. Għawdex intlaqat bil-kolera tal-1837 fejn mardu 818 li minnhom mietu 368 (45%)[5]. Il-popolazzjoni t'Ghawdex kienet 16,534.

Il-kolera tal-1865 hija importanti għaliex studjużi madwar id-dinja kienu bdew jifhmu kif din il-marda tittieħed u tinxtered għalkemm ma kienx għad hemm kura tagħha. John Snow tabib fl-Londra innota li l-marda tal-kolera tinxtered billi n-nies jixorbu ilma

*Figura 1. Il-100th Regiment ikkampjat fuq Manoel Island kif muri fl-Illustrated London News Settembru 1865.M*



infettat bid-drenaġġ li jiġi minn persuni mniġġsa bil-marda[6]. Huwa wera li n-nies li kienu jixorbu minn pompa li kienet Broad Street, Londra kienu qed jimirdu bil-kolera u l-oħrajn li kienu jixorbu min pompi oħra ma kienux. L-awtoritajiet emmnuh u qalgħu l-manku tal-pompa ta' Broad Street u l-epidemija waqfet.

L-ewwel każ tal-kolera tal-1865 f'Malta ġara fl-20 ta' Ġunju fil-kwartieri tas-suldati ingliżi li kienu stazzjonati f'post imsejjah 'L-Isptar tal-Pesta' li kien jinsab ftit iktar minn mitejn metru l-bogħod mil-Lażżarett[7]. L-ewwel każ civili ġara fi tfajla mil-belt Valletta fit-3 ta' Lulju[8]. Fis-26 ta' Lulju il-Gvernatur Sir Henry Stokes ordna lil 100th Regiment li kien qiegħed Sant Jiermu biex jitlaq mil-belt li kienet maħkuma mil-kolera u jikkampja f'Manoel Island (Figura 1) Il-kolera ttieħdet ix-Xewkija, Għawdex minn Malta fl-21 ta Lulju 1865 minn baħri Michele Cilia li kellu 22 sena[9]. Minn hemmhekk xterdet mal-gżira kollha u damet sejra sal-24 t'Ottubru.

Matul l-imxija tal-kolera ġew irreġistrati li mardu bil-kolera 76 persuna mill-Għarb li minnhom mietu 35 jiġifieri mietu kważi nofs il-persuni li qabdithom il-marda (46%)[10]. Il-persentaġġ tal-imwiet f'Għawdex kollu kien ta' 44.2% ta' dawk li sofrew mil-marda li huwa kważi l-istess bħal dak tal-Għarb. Tabella 1 turi kif il-każi u l-imwiet ġraw skond il-gimgħat tax-xhur tas-sajf tal-1865. Ma kinetx taċ-ċajt taqbdek il-kolera f'dak iż-żmien! Minn Għawdex kollu 63 mietu fl-Ospizju tar-Rabat, Għawdex, iżda ħadd minnhom ma kien mil-Għarb jiġifieri l-35 persuna li mietu mil-Għarb mietu fi djarhom.

| | 20 Lulju - 3 Aww | 4 Aww – 17 Aww | 18 Aww – 31 Aww | 1 Sett – 14 Sett | 15 Sett – 28 Sett | 29 Sett – 12 Ott | 13 Ott – 26 Ott | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għarb każi | 0 | 2 | 10 | 13 | 17 | 20 | 14 | 76 |
| Għarb mietu | 0 | 1 | 3 | 8 | 9 | 9 | 5 | 35 |
| Għawdex każi | 18 | 97 | 123 | 86 | 101 | 61 | 28 | 513 |
| Għawdex mietu | 8 | 45 | 58 | 41 | 37 | 30 | 8 | 227 |

Popolazzjoni t'Għawdex (Ċensiment 1816): 15,430
Mietu bil-kolera: 227 (1.47%)
Popolazzjoni tal-Għarb (Ċensiment 1816): 1558
Mietu bil-kolera: 35 (2.24%)

**Tabella 1. Il-każi u l-imwiet mil-kolera fl-Għarb imqabbel ma dak t'Għawdex[10]**

F'dak iż-żmien San Lawrenz kien jagħmel parti mill-Għarb għalhekk xi toroq fejn ġraw l-imwiet tal-kolera illum jagħmlu parti mir-raħal ta' San Lawrenz. L-ewwel każ ta' mewt mil-kolera fl-Għarb ġara fit-8 t'Awwisu f'numru 1 Triq it-Torri[11]. Dan kien raġel ta' 78 sena. F'din it-triq mietu ukoll żewġ nisa ta' 52 sena fl-20 ta' Settembru u fit-2 t'Ottubru iżda ma kienux joqgħodu fl-istess dar. Fi Triq San Lawrenz mietu 8 persuni, kollha f'Settembru. Raġel ta' 70 sena li miet fit-18 tax-xahar u mara ta' 50 sena li mietet l-għada kienu joqogħdu f'16 Triq San Lawrenz. Tifla ta' 3 snin u tifel t'14 il-sena li kienu




**Figura 2. Numru ta' persuni li mietu bil-kolera skont l-età u l-ġeneru tagħhom**

joqogħdu numru 54 fl-istess triq mietu fis-26 u fid-29 rispettivament. L-erba' persuni l-oħra mietu fi djar differenti. F'numru 13 u 12 Triq Merill mietu mara ta' 72 sena u raġel ta' 23 fis-7 u fil-15 t'Ottubru (Tabella 2). Fi Triq it-Trux numru 17 mietu tlett persuni f'jumejn (tifel u tifla u ommhom). L-aħħar mewt mil-kolera kienet ta' ragel ta' 80 sena fi Triq Birbuba.

| Data tal-Mewt | Età | Indirizz | Raġel/Mara |
|---|---|---|---|
| 8 Awwissu | 78 | 1 Triq it-Torri | R |
| 3 Ottubru | 52 | 15 Triq it-Torri | M |
| 30 Settembru | 52 | 21 Triq it-Torri | M |
| 2 Ottubru | 82 | 2 Triq San Lorenzo | R |
| 18 Settembru | 70 | 16 Triq San Lorenzo | R |
| 19 Settembru | 50 | 16 Triq San Lorenzo | M |
| 24 Settembru | 50 | 25 Triq San Lorenzo | M |
| 2 Settembru | 50 | 30 Triq San Lorenzo | R |
| 27 Settembru | 80 | 43 Triq San Lorenzo | R |
| 26 Settembru | 3 | 54 Triq San Lorenzo | M |
| 29 Settembru | 14 | 54 Triq San Lorenzo | R |
| 2 Settembru | 50 | 6 Triq il-Wileġ | R |
| 12 Settembru | 65 | 27 Triq il-Wileġ | M |
| 16 Settembru | 23 | 4 Triq Fungus Rock | R |
| 6 Settembru | 11/12 | 5 Triq Fungus Rock | M |
| 19 Settembru | 40 | 5 Triq Fungus Rock | R |
| 7 Settembru | 4 | 8 Triq Sdieri | M |
| 13 Settembru | 3 | 17 Triq it-Trux | M |
| 14 Settembru | 1 | 17 Triq it-Trux | R |
| 14 Settembru | 27 | 17 Triq it-Trux | M |
| 15 Ottubru | 23 | 12 Triq il-Merill | R |
| 7 Ottubru | 72 | 13 Triq il-Merill | M |
| 19 Settembru | 50 | 35 Triq il-Blata | M |
| 9 Ottubru | 25 | 7 Triq Birbuba | R |
| 16 Ottubru | 52 | 7 Triq Birbuba | M |
| 16 Ottubru | 80 | 8 Triq Birbuba | R |
| 16 Ottubru | 65 | 13 Triq Birbuba | R |
| 19 Ottubru | 80 | 22 Triq Birbuba | R |
| 19 Settembru | 57 | 35 Triq Birbuba | M |
| 28 Awwissu | 75 | 26 Triq San Pietru | R |
| 1 Settembru | 45 | 44 Triq San Pietru | M |
| 29 Settembru | 40 | 20 Triq Għammar | M |
| 3 Ottubru | 70 | 27 Triq Għammar | R |
| 5 Ottubru | 14 | 27 Triq Għammar | M |
| 1 Ottubru | 40 | 27 Triq Għammar | R |

**Tabella 2. L-imwiet mil-kolera li ġraw fl-Għarb, f'liema triqat ġraw, l-età u l-ġeneru tal-mejtin u d-data ta'meta mietu[11].**

F'total ta' 35 mewt fl-Għarb, kien hemm 17-il mara u 18-il raġel. L-ikbar ammont ta' nisa kienu dawk taħt l-għaxar snin u dawk ta' bejn l-50 u s-sittin sena. L-irġiel li mietu kienu ixjeħ (bejn is-60 u 82 sena) għalkemm kien hemm 5 mejtin irġiel bejn l-20 u l-40 sena (Figura 2).

Il-kolera bdiet fl-Għarb fil-kontrada ta' San Lawrenz u l-iktar li għamlet ħsara kienet f'dawk l-inħawi għaliex iktar minn nofs il-mejtin kienu joqogħdu f'dik ix-xaqliba (Triq San Lawrenz, Triq it-Torri, Triq il-Wileġ, Triq Fungus Rock u Triq Wied Merill) (Figura 3). Iktar tard, f'nofs Settembru, il-kolera affettwat il-qalba tar-rahal tal-Għarb u fl-aħħarnett laħqet Triq Għammar fejn ma kienx hemm mewt qabel id-29 ta' Settembru[11].




**Figura 3. Disinn tat-toroq tal-Għarb fl-1865 fejn ġraw l-imwiet tal-kolera bid-dati tagħhom.**

Kawża importanti tal-kolera kienet in-nuqqas t'iġjene li kien hawn fil-pajjiż kollu. Fir-rapport tiegħu Dr John Sutherland jgħid li hu flimkien ma uffiċjali tas-sanità bil-għajnuna ta' Dr Anderson li kien Principal Medical Officer u tas-Sur Inglott li kien Comptroller of Charitable Institutions żaru d-djar li fihom kien hemm l-imwiet mil-kolera f'Malta u Għawdex[12]. Għall-iskop ta' dan l-artiklu hawn hekk ser insemmi l-kundizzjonijiet li sabu fid-djar fl-Għarb, iżda fl-irħula l-oħra s-sitwazzjoni ma kienitx differenti.[11]. It-toroq kollha kienu bit-torba, mingħajr pavimentar u imkien ma kellhom sistema ta' drenaġġ. Kważi in-nies kollha kellhom miżbla mad-dar minħabba li kienu jżommu l-bhejjem. Il-persuni li kienu jgħixu f'dawn id-djar kienu jgħaddu l-awrina u jippurgaw fl-imqawel tagħhom jew fuq il-miżbliet li kellhom mad-djar. L-ilma tax-xorb kien ikun tax-xita u ħafna drabi jinżamm fi bjar jew ħwat tal-ilma fil-bitħa jew fil-mandra. L-ilma ġeneralment kien tajjeb u ċar u kien suffiċjenti għal bżonnijiet tagħhom. Madankollu l-ilma kien faċilment jiġi kkontaminat mil-ħmieġ tal-bhejjem u tan-nies għax l-imżiebel, il-ħwat u l-bjar kienu fil-qrib ħafna ta' xulxin. L-ebda dar ma kellha sistema ta' drenaġġ iżda r-rapport ikompli jgħid li d-djar kienu arjużi u vventilati tajjeb minn twieqi li jagħtu fuq it-triq, xi bitħa jew għalqa. In-nies ġeneralment kien jorqdu fl-għorfa fl-ewwel sular għax isfel kien ikollhom il-bhejjem. Il-maġġoranza tan-nies ma kienux jgħixu fi kmamar żgħar fuq xulxin u ffullati fuq xulxin. Problema oħra tal-iġjene kienet li n-nies ma kienux jinħaslu ta' spiss.

Il-kolera nqerdet meta l-iġjene pubblika mxiet il-quddiem. L-aħħar imxija tal-kolera li misset lil Malta kienet fl-1912 iżda din ma kienitx laħqet lil Għawdex[5].

Referenzi

1. Tully J.D. The history of Plague as it lately appeared in the Islands of Malta, Gozo, Corfu, Cephalonia etc. Londra, 1821.
2. Manuskritt Numru 1162 fol. 50. Librerija, Nazzjonali, Valletta.
3. Cassar Paul. Medical History of Malta, Londra , 1965 pag 185.
4. Manuskritt ta' Joseph Attard Xagħra Gozo as quoted in reference 3 paġ 186
5. Cassar Paul. Medical History of Malta, Londra , 1965 paġ 192-209.
6. Snow John. On the Mode of Communication of Cholera, Londra,Churchill 1855.
7. Ghio A. The Cholera in Malta and Gozo 1865. Government Printing Office Malta, 1867 paġ 12.
8. Sutherland J. Report on the Sanitary Condition of Malta and Gozo with reference to the Epidemic Cholera in the Year 1865, Londra, paġ 22.
9. Sutherland J. Report on the Sanitary Condition of Malta and Gozo with reference to the Epidemic Cholera in the Year 1865, Londra, paġ 25.
10. Sutherland J. Report on the Sanitary Condition of Malta and Gozo with reference to the Epidemic Cholera in the Year 1865, Londra, paġ 75.
11. Sutherland J. Report on the Sanitary Condition of Malta and Gozo with reference to the Epidemic Cholera in the Year 1865, Londra, paġ 146-150.
12. Sutherland J. Report on the Sanitary Condition of Malta and Gozo with reference to the Epidemic Cholera in the Year 1865, Londra, paġ A3.

# Children's Corner

## Essential rules for children to follow when riding their BICYCLE!!

Bicycle riding is fun, healthy, and a great way to be independent. But it is important to remember that a bicycle is not a toy; it's a vehicle! Be cool and follow some basic safety tips when you ride your bike!

Before using your bike it is very important to make sure that it is ready to ride. You should always inspect your bike to make sure all parts are secure and working properly. So here are some tips that you should always remember to follow when riding your bike.

**Wear a properly fitted bicycle helmet. These are easy steps to properly fit a bicycle helmet:**

**STEP 1**: **Measure your head for the approximate size.** Try the helmet on to ensure that it fits comfortably and while it is sitting on top of your head , make sure that it doesn't rock from side to side.

**STEP 2: Position:** The helmet should sit level on your head and low on your forehead-one or two finger-widths above your elbow.

**STEP 3: Buckles:** Center the left buckle under the chin.

**STEP 4: Side Straps:** Adjust the slider on both straps to form a "V" shape under, and slightly in front of, the ears. Lock the slider if possible.

**STEP 5: Chin Strap:** Buckle your chin strap. Tighten the strap until it is snug, so that no more than one or two fingers fit under the strap.

**STEP 6: Final fitting:** When all the above five steps are followed check whether the helmet is fitted comfortably and safely for you to ride with.

**Adjust your bicycle to Fit.** Stand over your bicycle. There should be 1 to 2 inches between you and the top tube (bar) if using a road bike and 3 to 4 inches if a mountain bike. The seat should be level front to back. The seat height should be adjusted to allow a slight bend at the knee when the leg is fully extended. The handlebar height should be at the same level with the seat.

**Check your equipment.** Before riding, inflate tires properly and check that your brakes work.

**See and Be Seen.** Whether daytime, dawn, dusk or at night, you need to be seen by others. It is important to wear neon, bright colors, something that reflects light or flashing lights. Remember that just because you can see a driver doesn't mean the driver can see you.

**Control your bicycle.** Always ride with at least one hand on the handlebars. Carry books and other items in a bicycle carrier or backpack.

**Watch for and Avoid Road hazards.** Be on the lookout for hazards such as potholes, broken glass, gravel, puddles, leaves and dogs. All these can cause a crash.

**Avoid Riding at Night.** It is far more dangerous to ride at night than during the day because you are harder to be seen. So it is very important that if you have to ride at night, make sure that you have reflectors on the front and rear of your bicycle.

**It is very important that when riding on the road you ride along with the traffic and not opposite the traffic.**

### Bike Word Search 2

BALANCE
BICYCLE
BIKE
BRAKES
CHAIN
CHIN STRAP
GEAR
GLOVES
GRIPS
HELMET
HORN
MECHANICS
PADS
PEDALS
REPAIR
RIDE
SAFETY
SIGNAL
SPOKES
STOP
STREET
TRAIL
WHEEL

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | B | R | G | I | T | S | D | A | P |
| S | T | R | E | E | T | R | I | D | E |
| E | I | F | A | B | Q | V | A | S | D |
| K | E | G | R | K | F | O | C | I | A |
| O | D | R | N | B | E | I | H | M | L |
| P | D | R | I | A | N | S | I | Y | S |
| S | O | K | B | A | L | A | N | C | E |
| H | E | C | H | V | P | F | S | H | V |
| B | I | C | Y | C | L | E | T | A | O |
| H | E | L | M | E | T | T | R | I | L |
| M | W | H | E | E | L | Y | A | N | G |
| S | T | O | P | G | R | I | P | S | J |






Liża Frendo

## ĦUT MAL-ĦAXIX

**Ikollok bżonn:**

- 30g butir jew marġerina
- 3 karrotti, mqaxxrin u mqattghin strixxi rqaq
- Basla zgħira mqaxxra, maħsula, u mqatta' strixxi rqaq
- 2 zkuk tal-karfus mqatta' strixxi rqaq
- 500g ħut imnaddaf u maħsul
- 2 tadamiet mqaxxrin u mqattgħin żgħar
- Mgħarfa ilma jew inbid abjad
- Werqa randa
- ½ kuċċarina 'mixed dried herbs'
- 2 mgħaref 'cream'
- Ftit tursin mqatta' rqiq

**Kif tagħmel:**
Saħħan il-butir jew marġerina f'taġen daqxejn kbir, żid il-karrotti, il-basal u l- karfus, sajjar sa ma ssir u mhux issir kannella. Qatta' l-ħut f'biċċiet li tkun ħa sservi, ressaq il-ħaxix li jkollok fit-taġen u poġġi l-ħut ħdejn il-ħaxix u sajjar il-ħut minuta fuq kull naħħa, issa għatti il-ħut bil-ħaxix. Issa żid it-tadam, l-ilma jew inbid, 'mixed herbs' u werqa randa u itfa' ftit bżar mitħun u melħ. Għatti t-taġen u sajjar fuq nar baxx għal 7 minuti jew sa ma tara li l-ħut sar. Issa neħħi l-ħut mit-taġen, poġġi ġo disk li tkun ħa sservi fih u itfa l-'cream' fit-tagen, ħawwad sewwa u itfa' it-taħlita fuq il-ħut u fil-wicc itfa' it-tursin mqatta'. Servi sħun.

## LAĦAM TAL-MAJJAL BIL-'*MUSHROOM AND CREAM*'

**Jkollok bżonn:**

- 500g dejf tal-majjal
- 90g 'mushrooms'
- 3 mgħaref dqiq
- 60g butir
- 2 mgħaref 'sherry' jew 'vermouth'
- ½ kikkra 'cream'
- 2 kuċċarini 'mixed herbs'
- Bżar u melħ
- Kikkra ilma u 'stock cube'

**Kif tagħmel:**
Qatta' l-laħam f'biċċiet ta' 3cm il-biċċa. Saħħan il-butir f'taġen ftit kbir u x'ħin jisħon itfa l-laħam li tkun gerbibt ġo dqiq, aqli sewwa minn naħħa tat-tnejn, żid il-'mushroom' u sajjar għal 5 minuti, itfa' 'sherry' jew 'vermouth', sajjar bil-mod u ħawwad sewwa, sajjar għal żewġ minuti. Naqqas in-nar, issa żid il-'cream', 'herbs', bżar u melħ ħawwaq sewwa b'mgħarfa ta l-injam żid l-'stock' biżżejjed li jgħatti l-laħam, sajjar bil-mod għal 10 minuti jew sa ma tara li sar il-laħam.
Servi shun.

## ĦARUF IMSAJJAR BIR-'ROSEMARY'

**Jkollok bżonn:**

- 4 biċċiet ħaruf
- 30g butir
- Ftit tewm mqaxxar u magħffeġ
- Kuċċarina 'rosemary' friska – mqatta' rqiq
- Melħ, bzar mitħun
- Mgħarfa dqiq
- Kuċċarina ħall ta' l-inbid
- ½ kikkra nbid abjad
- ½ kikkra ilma

**Kif tagħmel:**
Saħħan il-butir u aqli l- ħaruf minn żewg naħħat, żid it-tewm, 'rosemary', melħ u bżar mitħun, sajjar mingħajr għatu għal 10 minuti. Neħħi l-laħam mit-taġen. Issa żid id-dqiq fit-taġen u sajjar ghal 2 minuti. Ħallat il- ħall, l-inbid u l-ilma flimkien u ħawwadhom sewwa, issa żidhom fit-taġen, ħawwad ta spiss, sajjar sa ma jibda jagħli u żid il-laħam u sajjar bil-għatu b'nar baxx għal madwar 20 minuta jew sa ma tara li l-laħam sar. Servi sħun.

## APPLE AND ALMOND PUDDING

**Jkollok bżonn:**

- 1 kilo tuffieħ tat-tisjir
- 75g zokkor ismar
- 200g intrita
- 200g butir artab
- 150g zokkor 'caster sugar'
- 2 bajdiet imħabbtin
- Ftit 'cinnamon'

**Kif tagħmel:**
Qaxxar u qatta' t-tuffieħ f'biċċiet, issa poġġih ġo borma maz-zokkor l-ismar, 'cinnamon' u żewġ mgħaref ilma u sajjar sa ma t-tuffieħ isir, issa itfahom ġo dixx baxx tal-forn li tkun dlikt bil-butir. Issa ġo bowl itfa' l-krema , il-butir u z-zokkor u ħabbat sewwa sa ma jagħqdu u jigu ħfief u wara ibda itfa il-bajd li tkun ħabbat, itfghu ftit ftit ġo din it-taħlita, xħin tkun ħabbattu sewwa itfa' l-intrita ftit ftit u ħawwad sewwa. Issa itfa' din it-taħlita fuq it-tuffieħ. Għamel il-wiċċ lixx bid-dahar ta' l-imgħarfa

Aħmi ġo forn sħun gas mark 4 għal madwar siegħa jew sa ma tara li ħmar. Servi sħun jew kiesaħ.

# Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2010

| | € |
|---|---|
| **INCOME** | |
| Funds received from central government | 215,195.00 |
| Funds raised from Local Enforcement System | 47.00 |
| Investment income | 327.00 |
| General Income | 42,928.00 |
| | **258,497.00** |
| **EXPENDITURE** | |
| Personal emoluments | 60,567.00 |
| Operations and maintenance | 43,339.00 |
| Administration and other expenditure | 131,844.00 |
| | **235,750.00** |
| **TOTAL COMPREHENSIVE INCOME FOR THE YEAR/PERIOD** | **22,747.00** |

# Operations and maintenance / Operazzjoni u Manutenzjoni

| | |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and Street Pavements (patching works) | 3,650.00 |
| Repairs and upkeep | 346.00 |
| Signs and road markings | 1,684.00 |
| Office furniture and Equipment | 1,328.00 |
| Damages paid | |
| Other | 3,587.00 |
| | 10,595.00 |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection | 14,508.00 |
| Bulky Refuse Collection | 260.00 |
| Road and Street Cleaning | 3,430.00 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 3,828.00 |
| Cleaning and Maintenance of soft areas | 1,710.00 |
| Cleaning and Maintenance of council premises | 422.00 |
| Bring-in sites | 1,199.00 |
| Hire of skips | 3,916.00 |
| Street Lighting | 131.00 |
| Other | 3,340.00 |
| | 32,744.00 |
| **Total Operations and Maintenance Expenses** | **43,339.00** |
| **ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE** | |
| Utilities | 11,328.00 |
| Materials and supplies | 1,671.00 |
| Rent | 3,337.00 |
| National and International memberships | 449.00 |
| Office Services | 12,771.00 |
| Transport | 3,062.00 |
| Information Services | 5,241.00 |
| Professional Services | 5,356.00 |
| Sundry expenses | 27.00 |
| Community and Hospitatlity | 52,265.00 |
| Depreciation | 36,337.00 |
| | **131,844.00** |

# €25,000.00 oħra...

## ġemellaġġi – Kunsill Lokali l-Għarb

Matul dawn l-aħħar snin il-Kunsill Lokali l-Għarb ingħaqad f'ġemellaġġ ma' diversi lokalitajiet barrainin fejn fosthom insibu l-Kunsill Lokali ta' **Gerano**. Dan kien l-ewwel kuntatt li sar ma' Kunsill barrani li minnu ġie iffurmat ġemellaġġ. Gerano huwa raħal żgħir simili ħafna għar-raħal tagħna li jinsab viċin tal-Belt Kapitali Taljana, Ruma. Ta' min isemmi li t-tradizzjoni ta' l-Infiorata kkrejata ta' kull sena waqt il-festa tar-raħal tnisslet minn dan il-ġemellaġġ.

ġemellaġġ ieħor huwa mall-**Comunità Collinare Colli Tortonesi.** Komunità kif iġib l-isem innifsu hija magħmula minn numru ta' Kunsilli li jinsabu fil-punent ta' l-Italja. Dan il-post jinsab fil-muntanji fil-Provinċja ta' Alessandria u Tortona u jokkupa parti żgħira minn Novi Ligure. Il-muntanji ta' Tortona huma għoljin bejn 122m sa 471m. ġemellaġġ ieħor huwa mall-Kunsill ta' **Veglie**, post li jinsab fil-Provinċja ta' Lecce. Il-lokalità għandha madwar 14,369 abitant u tinsab fiċ-Ċentru ta' Salento. Lecce tinsab 18km 'il bogħod minn Veglie. F'din iz-zona wieħed jiltaqa' ma' siġar taż-żebbuġ, dwieli u zoni oħra simili. Il-Kunsill irnexxielu jiffirma ġemellaġġ ukoll mall-Kunsill Lokali ta' **Quadrelle**. L-iffirmar tal-ġemellaġġ ġie segwit minn diversi skambji kulturali bejn iż-żewġ lokalitajiet. Quadrelle huwa raħal żgħir li jinsab fil-Provinċja ta' Avellino fir-Reġjun tal-Campagnia fin-Nofsinhar ta' l-Italja. Id-densità tal-popolazzjoni f'din il-lokalità huwa ta' 227,97 abitant għal kull metru kwadru. L-aħħar ġemellaġġ li ġie iffirmat mill-Kunsill aktar kmieni din is-sena kien dak mall-Kunsill Lokali ta' **Erchie**. Din il-lokalità tinsab fi Brindisi, Puglia (Italja). Hija għandha popolazzjoni ta' 8,989 u area ta' 44m$^2$. Il-patruni ta' Erchie huma Santa Lucija u Santa Irene.

Apparti l-ġemellaġġi iffirmati l-Kunsill għandu ukoll ftehim ta' koperazzjoni ma' diversi lokalitajiet oħra fejn fosthom insibu l-Kunsill ta' **Massafra** ġewwa l-Italja li jinsab f'Taranto fil-Puglia u huwa magħruf għall-Karnival. Huwa fil-fatt li wieħed mill-iskambji li saru ra l-parteċipazzjoni ta' l-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa fil-Karnival ta' Massafra. Ftehim ieħor ġie iffirmat mall-Kunsill ta' Castrolibero, Kunsill li jinsab fir-Reġjun ta' Calabria, 30km 'il bogħod minn Cosenza. Castrolibero hija magħrufa għall-fortifikazzjoni sabiħa u għar-rovini tal-Belt Antika ta' Pandosia.

**Comunità Montana dell'Aniene** hija komunità oħra, din id-darba tinsab fir-Reġjun tal-Lazio fejn il-Kunsill flimkien mall-Ministeru għal Għawdex għandhom ġemellaġġ iffirmat. Din il-Komunità tirrappreżenta 22 lokalità li jinsabu f'dan ir-Reġjun. Permezz ta' dan il-ftehim il-Komunità ħadet sehem waqt il-fiera ta' Għawdex u wara sar skambju fejn diversi businessman Lokali ipparteċipaw f'fiera ġewwa Ruma.

Il-Kunsill għandu ukoll ftehim mall-Kunsill ta' **Torrent** li jinsab ġewwa Spanja. Il-Belt ta' Torrent tinsab 7km 'il bogħod minn Valencia u 15km 'il bogħod mill-kosta. Torrent hija il-Belt Kapitali ta' County l'Horta Sud u fiha jinsabu madwar 75,000 abitant. Is-setturi prinċipali tal-produzzjoni huma s-servizzi, kostruzzjoni u Agrikoltura.

Aħbar sabiħa li irċieva l-Kunsill Lokali ftit tal-ġimgħat ilu kienet tgħid li l-Kunsill ser jirċievi is-somma ta' €25,000.00 sabiex jospitā gruppi ta' ġemellaġġ waqt l-attività ta' Seħer il-Punent li ser tiġi organizzata f'April 2012. Waqt din l-attività ser isir l-iffirmar ta' ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali l-Għarb, il-Kunsill ta' Erchie kif ukoll ma' Kunsill mir-Rumanija.





**Discover how an HSBC Advance relationship can help turn your dreams into reality.**

When you bank with HSBC, it's not just about today. We also like to help you prepare for tomorrow. Whatever's next on your horizon, we want to help you protect what's important to you, leaving you more time to focus on your work and family. With our team of financial advisers, annual reviews and a range of online tools, you could start to build the future you want.

And with our HSBC Advance bank account you get special benefits and services, including preferential rates and benefits that can help you achieve your goals.

**To start your HSBC advance relationship, call 2148 9191, visit your nearest branch, or click www.hsbc.com.mt/advance**

HSBC Advance

HSBC
The world's local bank

Terms and conditions apply. Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT1444. HSBC Bank Malta p.l.c. is licensed by the MFSA to conduct investment services business and is enrolled as a tied insurance intermediary for HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.

Is-Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u staff jixtiequ jawguraw s-Sena t-Tajba lil Kulħadd

*The Mayor, Deputy Mayor, Councillors, Executive Secretary and staff would like to wish a Happy New Year to Everyone*

